# dawlFranġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

JANNAR 2007 - IS-27 SENA - GĦADD 266 - NEWSPAPER POST - ISSN 1811-5373



## Ragħaj Ġdid
għal Knisja f'Malta.

Hlas ta' l-Abbonament: Lm4 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**

# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

02 ta' Diċembru 2006

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 118/2006

**ARĊISQOF ĠDID GĦAL MALTA**

Il-Papa Benedittu XVI ħatar lil Patri Pawl Cremona O.P., bħala Arċisqof ta' Malta.

L-aħbar ngħatat f'Malta min-Nunzju Appostoliku, Mons. Arċisqof Felix del Blanco Prieto, waqt laqgħa tal-Kunsill Presbiterali ta' l-Arċidjoċesi li saret is-Sibt, 02 ta' Diċembru 2006, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana.

In-Nunzju Appostoliku, flimkien ma' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, ippreżentaw lill-Isqof-Elett lill-Kunsill Presbiterali.

Mons. Cremona huwa s-suċċessur ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca li, fit-30 ta' Novembru 2006, għalaq 30 sena mill-jum li fih tħabbret il-ħatra tiegħu bħala s-suċċessur ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

Mons. Cremona huwa t-tieni reliġjuż f'disgħin sena li sar Arċisqof ta' Malta. L-aħħar reliġjuż li kien Arċisqof kien Mons. Mauro Caruana, mill-Ordni tal-Benedittini. L-Arċisqof Caruana nħatar fl-1915 u dam Arċisqof sas-sena 1943, meta nħatar l-Arċisqof Mikiel Gonzi.
















3 **2007 - Żmien Ġdid f'Ħajti**
Editorjal

4 **Personaġġi Bibbliċi**
Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Missjoni - Malindi**

11 **Alla l-Ewwel**
minn Manuel Micallef

13 **Nispera Iva, Nemmen Le!**
minn Emily Barbaro-Sant

14 **Il-Fidi fiż-Żwieġ**
minn Joe Flask

16 **Imħabba bis-Sens**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

17 **Sejjaħtli Mulej?**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

18 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

19 **Kantanti b'Messaġġ**
minn Laurence Attard

20 **Lejn Ġustizzja Aħjar (2)**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

21 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

22 **Il-Ħajja Kristjana**
minn Joe Attard

23 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

24 **Il-Qawwa tax-Xitan**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

25 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

26 **Iċ-Ċina Ġejja Magħna**
minn Tony C. Cutajar

28 **Issa li Għaddew il-festi tal-Milied**
minn Harry Agius Ordway

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **L-Għanja ta' l-Imħabba**
minn P. Mario Attard OFMCap



**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2007
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# 2007 ŻMIEN ĠDID F'ĦAJTI

**Il-kittieb u ġurnalist Amerikan Bill Vaughan kiteb: "L-ottimist jibqa' mqajjem sa nofsillejl ħalli jara l-bidu ta' sena ġdida. Il-pessimist jibqa' mqajjem ħalli jkun ċert li s-sena tkun għaddiet." Kollox jiddependi kif se nħarsu lejn il-ħajja. Kemm tagħmel sens is-sentenza li kiteb il-psikjatra u newrologu Awstrijak Viktor Frankl: "l-aħħar libertà li jibqagħlu l-bniendem hija li jagħżel l-attitudni fiċ-ċirkustanzi li jgħix fihom."**

Il-bidu ta' sena ġdida huwa żmien fejn nidħlu daħla fina nfusna u nsiru konxji minn ħaġa essenzjali f'ħajjitna: jiena responsabbli tiegħi nnifsi u ta' għemili. Ħafna drabi nsibuha komda mmorru nitolbu u mbagħad nagħmlu fattina. Insibuha komda li nitlobu lill-Mulej jgħinna, imma waqt il-prova nħallu lilna nfusna niġu mkaxkra mill-emozzjonijiet tagħna.

Din is-sena għandha tkun sena ġdida mhux biss għax mhijiex is-sena l-oħra, imma wkoll fl-attitudni ta' responsabbiltà lejn il-Mulej. Jekk jiena persuna li ma nitlobx, ma rridx naf bil-qari tal-Kelma ta' Alla, u lanqas nersaq biex nirċievi s-sagrament tal-maħfra u nieħu sehem fl-Ewkaristija, x'sena se tkun? Sena oħra ta' frustrazzjoni, ġiri bla rażan u ħela ta' ħin!

It-tieni responsabbiltà f'bidu ta' sena ġdida hija lejn l-oħrajn. Kemm jiena responsabbli li nkun ta' qadi għall-oħrajn? B'qadi lejn l-oħrajn miniex infisser biss x'nista' nagħmel għalihom. Qiegħed ukoll ninkludi affarijiet li ma nistax nagħmel, kemm għax is-saħħa jew il-finanzi ma jippermettulix jew inkella għaliex l-għajnuna li rrid nagħtihom mhijiex ħobż għal snieni. Hekk ngħidu aħna, kif nista' ngħin lil xiħadd li għandu bżonn għajnuna psikoloġika? X'inhu l-aħjar, ngħidlu x'għandhu jagħmel jew inkella nibgħatu għand min jista' jgħinu iżjed minni? U minn naħa l-oħra, kif nippretendi li nkun persuna ferħana meta nagħmel lili nnifsi alla f'kollox?

It-tielet responsabbiltà hija lejja nnifsi. Kemm nieħu ħin biex nirrifletti fuq ħajti? Kemm tassew qabel nagħmel xi ħaġa noqgħod ngħarbel ftit lili nnifsi ħalli nara kif din il-ħaġa li paspart li nwettaq hijiex se tgħin lil ħaddieħor u lili nikbru jew titfagħna f'baħar ta' nkwiet? U kemm insib ħin biex nistrieħ, ingawdi n-natura, ninqata' minn dinja ta' tpaċpiċ u tlablib li ma jwassalx ħlief għat-tkissir ta' xiħadd?

L-aħwa: ejjew inkunu nies bil-għaqal. Dari li tkun bil-għaqal kien il-muftieħ għal żwieġ hieni u għall-vokazzjoni ta' sinsla. Ix-xogħol, il-mistrieħ, il-ħajja tad-dar, l-għajxien tas-sejħa tagħna bi mħabba kbira, il-ferħ, is-sagrifiċċju, l-għaqal u fuq kollox it-talb u li nieħdu parir mingħand nies ta' għaqal u qdusija u mhux ngħaffġu waħedna għandhom jgħinuna jkollna sena ta' grazzja, barka u sliem. Ejjew inkomplu nikbru f'moħħna, f'ruħna u fil-mod ta' kif inġibu ruħna.

Ejjew nieħdu responsabbiltà ta' ħajjitna. **"Araw, issa hu ż-żmien tajjeb, araw, issa hu jum is-salvazzjoni!"** (2 Kor 6:2). B'dan il-mod, kull jum ikun żmien ġdid f'ħajjitna. •

# Mirjam

## L-oħt il-kbira



**Fost il-personaġġi li magħhom iduru u jinsġu r-rakkont ta' l-Eżodu hemm it-tlitt itfal ta' Amram li huma: Mosè, Aron u Mirjam. Kull fejn huma msemmija dawn il-persunaġġi wieħed jinnota ċerta ġibda li jitqiesu bħala grupp wieħed: u jidher li donnu hemm raġun. Aħwa huma! L-isem ta' Mirjam huwa miktub tlettax-il darba u l-istorja tagħha qiegħda Eżodu 2:1-9; 15:2-21 u Numri 12:1-16.**



### NISA JKANTAW

Kull wieħed minn dawn it-tliet mexxejja, jiġifieri Mosè, Aron u Mirjam kellu biċċa xogħol partikulari x'jagħmel għall-ħelsien sħiħ tal-poplu magħżul. Mosè kien uniku, il-mibgħut t'Alla, biex joħroġ lil-Lhud mill-art tal-jasar. Kellu mandat ċar dan Mosè, jiġifieri li jirrappreżenta lil Alla fost il-poplu magħżul. F'ħafna mumenti ta' ħajtu ma tantx kien aċċettat mill-poplu. Però kellu bżonn qawwi ta' nkoraġġiment kemm materjali kif ukoll morali ġej mingħand ħutu t-tnejn.

Mirjam u Aron imbagħad huma meqjusa bħala r-rappreżentanti tan-nazzjon, il-ħelliesa, imma jaħdmu dejjem minn wara l-kwinti. Kienu l-mexxejja tal-poplu fl-eżilju ta' l-Eġittu, tant li ħejjew lil Iżrael biex dan jaċċetta l-profezija ta' Mosè. Fil-Bibbja hemm miktub li Mirjam u Aron kienu profeti bi dritt; jiġifieri ma kinux jiddependu għal kollox minn Mosè. Jidher ukoll li Mirjam kienet il-profetessa mexxejja tal-profeti nisa, fil-waqt li Aron kien il-profeta mexxej ta' l-irġiel. Dan il-fatt jiġi ppruvat wara li għaddew mill-Baħar tal-Qasab (Eż 15), fejn Mosè għanna b'unur għoli u ta' ġieħ lil Alla, fil-waqt li Mirjam organizzat separatament in-nisa biex dawn iwieġbu **"bil-għana u t-trombi"** (Eż 15:20). Forma ta' liturġija ħajja ħafna.

Ix-xogħol tal-kor tan-nisa kien fenomenu komuni ħafna fil-Lvant Nofsani u qabel diġà kien hemm dak ta' l-irġiel. Anki fil-għanja ta' Deborah, in-nisa jkantaw u akkumpanjati bit-trombi u ż-żfin, isaħħu l-qedem ta' dawn il-korijiet femminili. Ġeneralment il-għanja

tiġi akkumpanjata minn solo. Dan għalhekk kellu jkun poeta sabiex bil-versi tiegħu u fil-qosor ikun kapaċi jdomm flimkien il-ġrajjiet prinċipali. Issa l-għanja ta' Mirjam hija l-ewwel eżempju ta' dan it-tip fil-Bibbja u hekk uriet li hija mhux biss kienet oħt Mosè u Aron, imma wkoll mexxejja bi dritt.

## OĦT IL-KBIRA

Barra li Mirjam kienet mexxejja u profetessa fi żminijietha, primarjament Mirjam kient oħt Aron u Mosè. Skond l-Iskrittura, hija kienet "l-oħt il-kbira" tal-familja u għalhekk kienet tieħu ħsieb ħutha iżgħar minnha. U mid deskrizzjonijiet li hemm fil-Bibbja dwar ir-relazzjonijiet tal-familja ta' Mirjam, wieħed jasal biex jifhem ir-responsabbiltà kbira li kellha Mirjam dwar ħutha l-oħra. Dan jidher ċar għaliex meta omm Mosè qegħditu ġol-kannestru u telqitu fix-xmara Nil, Mirjam kienet moħbija għassa ta' ħuha Mosè (Eż 2:4). Meta mbagħad madwar tmin snin wara Mirjam u Aron tkellmu bl-aħrax kontra Mosè u waslu biex ifixklu ħafna mill-proġetti tiegħu, Alla kkastigahom speċjalment lil Mirjam bil-marda kerha tal-ġdiem (Num 12:1-14). U dan il-kastig kien fost l-aktar u l-aqwa kastigi li jweġġgħu fil-laħam il-ħaj lil bniedem milqut minnu. Biss biss kellu jinqata' mill-bqija tal-poplu sakemm idum marid.

It-test bibliku ma tantx jagħtina tagħrif dettaljat dwar il-ħajja personali ta' Mirjam. Nafu ftit wisq dwar iż-żwieġ tagħha, għalkemm nafu fiż-żgur li kienet miżżewġa. Però t-tradizzjoni tal-Lhud tgħidilna li Mirjam kienet l-omm tas-slaten ta' Ġuda. Ir-raġel ta' Mirjam kien mit-tribù ta' Ġuda u mill-familja tagħha ħarġu d-dixxendenti tas-sultan David. Mela tikber l-importanza ta' din il-familja speċjali. Dejjem skond din l-istess tradizzjoni, Mosè, Aron u Mirjam kellhom it-tliet kuruni li bihom Iżrael huwa mbierek. Il-kuruna tal-profezija u din kienet fuq ras Mosè, dik tas-Saċerdozju u din kienet fuq ras Aron, u l-kuruna tal-monarkija li kienet għand Mirjam. Jingħad ukoll li Beżalel, il-bennej tas-Santwarju (Eż 37:1), kien wieħed mid-dixxendenti ta' Mirjam. Dan ifisser unur ieħor għal din il-familja għaliex mhux kulħadd kien jiġu offrut ix-xogħol tant sabiħ u għażiż tal-bini tal-maqdes ta' Ġerusalemm. Ukoll Hur, il-bniedem diffiċli biex tifhmu li waqt li Mosè kien jitlob żammlu idu 'l fuq biex il-Lhud jirbħu l-gwerra kontra Amalek (Eż 17:9-16) seta' kien iben Mirjam. Dan kollu juri biċ-ċar ir-rabta qawwija bejn il-mexxejja tat-tribù ta' Ġuda u l-familja ta' Amram.

## TIEĦU ĦSIEB MOSÈ

Barra dawn ir-responsabbiltajiet hekk għolja, Mirjam kellha l-aqwa waħda, jiġifieri dik li tieħu ħsieb ħuha Mosè. Fit-Talmud hemm miktub li Mirjam darba ħabbret lill-ġenituri tagħha li huma se jkollhom tarbija u li kellu jkun il-feddej tal-poplu ta' Iżrael. Mirjam kienet **"ftit il-bogħod"** (Eż 2:4) biex tara x'se jiġri mit-tarbija Mosè. Dan ifisser li Mirjam ħassitha tassew responsabbli għal Mosè mhux biss bħala oħtu, imma aktar bħala l-ħabbara u l-għassiesa tal-ġejjieni tiegħu u indirettament tal-poplu skjav ta' Iżrael.

Il-Lhud u huma biss kienu jafu minn kemm tbatija, hemm u biża' għaddew minnu missirijiethom fl-Eġittu. Issa fost dawk li ħadmu ħafna għall-ħelsien ta' ħuthom il-Lhud, hemm it-tlitt itfal ta' Amram, Mosè, Aron u Mirjam. Il-Lhud ma aċċettawx il-proposti u l-ħsibijiet ta' Mosè mill-ewwel għar-raġuni li kienu jafu kemm kienet ħaġa iebsa toħroġ u teħles mill-qilla tal-Fargħun. Tant hu veru dan li meta l-Lhud waslu ħdejn il-Baħar tal-Qasab bdew igergru kontra Mosè u qalulu. **"Ma għidnilekx aħna fl-Eġittu: Hallik minna, ħallina naħdmu għall-Eġizzjani! Aħjar naħdmu fl-Eġittu milli mmutu fid-deżert"** (Eż 14:12).

Dan kollu juri sew kemm kien ħtieġa ta' tħejjija għal dan il-ħruġ tagħhom mill-Eġittu. Issa l-għorrief Lhud huma kollha tal-fehma li din it-tħejjija kienet maqsuma fi tnejn; dik ta' l-irġiel kienet esklussivament f'idejn Mosè u ħuħ Aron, fil-waqt li dik għan-nisa ħadet ħsiebha Mirjam. Xi rabbini biex ikomplu juru kemm tassew din kienet biċċa xogħol iebsa għal Mirjam jgħidu li anki isimha stess ifisser imrar, dwejjaq u niket (bi-Lhudi "mar" tfisser qares, u bil-Malti ngħidu morr). U dan ix-xogħol ta' tħejjija għall-fidwa tagħhom mill-jasar, Mirjam għamlitu b'aktar ħila u kapaċità.

Din il-parti ta' l-istorja tikkaretterizza x-xogħol prinċipali ta' Mirjam bħala l-oħt il-kbira mgħobbija bir-responsabbiltà. U dan hija komplietu mhux biss ma' ħutha Mosè u Aron, imma man-nazzjon Lhudi kollu. Mirjam ma kinitx l-omm tal-fidwa sħiħa, però għall-ħila tagħha għamlet il-fidwa possibbli. Il-missjoni tagħha kienet li tagħraf dak li għandu jsir l-ewwel. Aktar 'il quddiem imbagħad Mirjam saret dejjem aktar siewja lesta li tgħin u twieżen lil kull min jitlobha l-għajnuna tagħha.

Ġakobed hija omm Mosè, il-ħellies tal-Lhud, u Mirjam hija dik li għenet biex il-fidwa sseħħ. Fil-Midraxim, Mirjam hija msejħa "l-qabla". Huwa veru li l-qabla ma tilidx hija, però tgħin u tara biex it-tarbija titwieled b'saħħitha u ma tmutx. Dak il-ħin tat-twelid huwa tassew mument delikat ħafna kemm għall-omm kif ukoll aktar għat-tarbija. Kummentarju midraxiku jxebbah liż-żewġ qwiebel Sifra u Fyqa (Eż 1:15-21) ma' Ġakobed u Mirjam. Għaliex anki dawn iż-żewġ qwiebel li għenu lin-nies Lhud biex jildu indirettament għenu u ppreparaw għall-fidwa mill-Eġittu. Fil-fatt ħolsu l-bosta u bosta subien Lhud, li aktar 'il quddiem saru l-kapijiet ta' familji numerużi.

U dan kien mument kbir u eżistenzjali għan-nisa Lhud f'dak il-waqt hekk kbir daqskemm traġiku għalihom u għal ġenshom. U Mirjam "l-oħt il-kbira" li tgħasses u tħejji għall-ġejjieni għadha ħajja effettiva f'dawk in-nisa għaqlin li jwieżnu, jgħinu u jagħtu ħajjithom fil-familji tagħhom. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

Erba' ħsibijiet li jgħinuna nkomplu ngħixu l-ħajja ta' kuljum attenti għal dak li jiġri fiha u madwarna. Ninnutaw imbagħad dak li jiġri mhux biex nikkritikaw, imma biex nagħrfu nirriflettu. Mir-riflessjoni mbagħad nitgħallmu dejjem kif irridu ntejbu ħajjitna.



## LAJĊI PROFESSJONISTI FUQ IX-XANDIR

Fuq it-televixin ħafna drabi jiġu mistiedna professjonisti (psikjatri, psikologi, psikoterapisti, tobba, avukati...) biex jieħdu sehem fuq panel, jew inkella biex ikunu fil-platea, ħalli mbagħad min ikun qiegħed imexxi l-programm, f'ċertu waqt tal-programm jitlobhom biex juru l-opinjoni tagħhom. Ħafna drabi s-suġġett ikun fuq punti ta' attwalità li jaħarqu anki mill-aspett morali.

Meta l-programm ikun għadda sewwa 'l quddiem u ġieli jibdew għaddejjin argumenti bla sugu, jingħadu ħmerijiet u jitperċu ideat immorali, il-professjonisti preżenti jagħlqu ħalqhom u ma jgħidu xejn. Jgħidulek li, la min qed jitkellem ma huwiex imiss il-qasam partikolari tagħhom, għandhom jibqgħu fommhom sieket. Qed jinsew li f'sitwazzjoni bħal dik li jkunu fiha mhux fuq il-materja ta' l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom biss iridu jitkellemu jew jippreċiżaw l-ideat, imma anki fejn tidħol morali nisranija li suppost ikunu aġġornati fiha bħala nsara. B'hekk jagħtu xhieda wkoll tal-konvinzjoni nisranija tagħhom. Għalihom il-programm jinqaleb f'okkażjoni ta' appostolat. Ma jistgħux jibqgħu passivi meta jkun qed jingħad diskors li jmur kontra l-liġi qaddisa ta' Alla, kontra l-verità. Dak il-ħin ma jkunux professjonisti biss, imma professjonisti nsara. In-nisrani huwa nisrani kull fejn ikun u fejn jara t-taħwid għandu jitkellem daqslikieku kien saċerdot. L-imħabba lejn ir-reliġjon li ħafna professjonisti għadhom jistqarru għandha ssuqhom, ħalli ma jibżgħux jitkellmu fuqha, iżjed u iżjed fuq ix-xandir, kull meta jiġi l-waqt. Il-professjonisti jridu jwasslu t-tagħlim tal-Knisja li tagħha huma membri billi jaħtfu l-okkażoni, ma jbatux bir-rispett uman u lanqas jinħbew taħt l-iskużi.



Ċerti professjonisti jibżgħu jippronunzjaw ruħhom mill-aspett morali, għax jibżgħu mill-kritika li tista' ssirilhom wara li jispiċċa l-programm. Din id-djgħufija għandhom jirbħuha, iżjed u iżjed meta jiġu mistiedna ta' spiss biex jieħdu sehem f'ċerti programmi li saru popolari ħafna fost il-popolazzjoni Maltija. Jiftakru li l-kelma tagħhom f'dak il-każ tiswa mitqilha deheb. Tkun effettiva iżjed milli jkun qalha saċerdot jew reliġjuż jew reliġjuża.

**Mulej, għinni ħalli qatt ma nitlef okkażjoni tajba biex nagħmel il-ġid bħala nisrani fost il-poplu tagħna.**

## LA "GRAVE"

Barra mill-belt ta' Bari hemm dik li jsejħulha la 'grave' di Castellana Grotte. Kelli x-xorti li naraha. Qisha panteon naturali. Sabiħa biex tikkontemplaha. Diffiċli biex tiddeskriviha, speċjalment meta mill-bokka tagħha, li tagħti għal dagħbien kbir, jidħol id-dawl tax-xemx. Dak spettaklu ta' seħer! L-ebda fantasija ta' artista ma hi kapaċi toħloq sbuħija hekk impressjonanti. Id-dawl li jidħol mit-tieqa jdawwal l-għar u r-rifless aħdar tal-ħass u ta' l-alka – fil-grotta ma l-ebda sinjal ta' ħaxixa - joħloq atmosfera l-veru meraviljuża f'dak il-post taħt l-art. Meta d-dawl jidħol f'dak l-imkien kollu dlam tasal biex tgħid li l-istess dlamijiet jinfexxu f'għajjat ta' ferħ kbir.

Fid-dinja hawn nies li qed jgħixu fid-dnub. Dan ifisser li dawn it-talin qed jgħixu fid-dlam. Il-ħażen għattielhom għajnejhom u ma jistgħux jaraw. Il-qlub ta' dawn it-talin qishom la grave qabel ma titla' x-xemx li bir-raġġi tagħha ddawwal id-dlamijiet ta' dak il-post li jwaħħax tistħajtlu deżert mimli deżolazzjoni.



Kristu huwa d-dawl tad-dinja. Malli l-bniedem ma jkomplix jagħmillu reżistenzi, huwa jdawwal bir-raġġi tal-grazzja tiegħu r-ruħ mgħaddsa fil-waħx tal-ħażen ta' dnubietha u jittrasformaha għal kollox (Is 35:1; 51:3).

Dan il-ħin fid-dinja qed tiġri xi konverżjoni. Xiħadd iddeċieda li jħalli l-ħajja tad-dnub biex jibda jħobb lil Kristu b'qalbu kollha. Min jista' jfisser is-sbuħija tar-ruħ meta tinfetaħ għar-raġġi divini tal-grazzja!

**"Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa; ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad bir-ranċiż... Għax il-Mulej iħenn għal Sijon; iħenn għall-ħrieb kollha tagħha. Jagħmel Għeden mid-deżert u ġnien tal- Mulej mix-xagħri tagħha. Fiha jinsab ferħ u hena, tifħir u għana bid-daqq"** (Is 35:1;51:3).

**Mulej, agħmel li qalbi dejjem tkun maħsula bid-dija tal-grazzja tiegħek.**

## MISTOQSIJIET IMPENJATTIVI FUQ ĦWEJJEĠ VANITUŻI

Ma nafx kemm tisma' programmi radjofoniċi. Ngħid għalija nħobb inkun naf xi jkun qed jiġri fuq ix-xandir. Fuq ir-radjijiet isiru programmi ta' kull għamla: quizes, kanzunetti, diskussjonijiet reliġjużi u kulturali... Isiru wkoll programmi fuq ix-xagħar. Tiskanta meta jkunu għaddejjin programmi fuq id-dafra tax-xagħar u fuq il-kimika li tidħol fil-kulur li jagħtu lix-xagħar, kemm nies iċemplu lil min ikun qed jagħmel il-programm u jagħmlulu mistoqsijiet impenjattivi u intelliġenti u ġieli mimlijin frugħa.

Nistaqsi: għala meta niġu fuq ir-reliġjon ħafna ma humiex kapaċi jagħmlu mistoqsijiet bis-sens bħalma nagħmlu domandi intelliġenti fuq affarijiet mundani? Inkompli nistaqsi: Għal liema raġuni ħafna jinteressaw ruħhom daqshekk biex ma jitilfux programmi tal-kwalità li semmejt, mbagħad ma jħabblux rashom biex jisimgħu programmi reliġjużi biex jitgħallmu fuq it-twemmin tagħhom?

Naturalment ma għandi xejn kontra programmi tal-qatgħa li semmejt u lanqas kontra dawk it-talin li tinteressahom id-dehra estetika u personali tagħhom, basta ma jkunx moħħhom fil-bluha u ma jridux jafu bi ħwejjeġ serji. •

**Mulej, għallimni ninteressa ruħi f'kollox, l-iżjed fil-ħwejjeġ tiegħek.**



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2007.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## JANNAR 2007

- **Biex ir-Rgħajja tal-Knisja juru t-triq tal-paċi u tal-ftehim fost il-popli.**
- **Biex il-Knisja fl-Afrika tibqa' tixhed lil Kristu billi f'kull pajjiż tippromwovi l-paċi u r-rikonċiljazzjoni.**
- **Biex f'pajjiżna għadd ikbar ta' rġiel u nisa jħabirku bil-qalb ħalli jġibu l-paċi fejn hemm it-tilwim.**

Id-Djoċesi ta' Malindi, imwaqqfa fit-2 ta' Settembru 2000 ma' l-Ordinazzjoni ta' Mons. Francis Baldacchino OFMCap bħala l-ewwel Isqof tagħha, għamlet progress kbir f'dawn is-sitt snin ta' l-eżistenza tagħha. Is-saċerdoti minn 8 saru 32, id-djar tas-sorijiet minn 3 f'inqas minn xahrejn oħra se jsiru 12, il-parroċċi minn 7 laħqu 14; inbnew knejjes, skejjel, spiżeriji; twaqqfu bosta gruppi ta' nsara li darba f'ġimgħa jiltaqgħu għall-qari tal-Bibbja, għat-talb u l-għajnuna soċjali lil dawk l-aktar batuti fosthom...

Biex dan kollu jissaħħaħ u ħafna aktar jiżdied, id-Djoċesi ta' Malindi bniet Santwarju Marjan, fir-raħal li jismu Msabaħa (li jfissser: tlugħ ix-xemx, sebħ, sbuħija, glorja). Dan ġie kkonsagrat u jnawgurat minn Mons. Isqof Francis Baldacchino OFMCap fit-8 ta' Ottubru 2006, u se jservi bħala Ċentru ta' devozzjoni Marjana, ta' talb ta' interċessjoni għall-konverżjoni tal-pagani, għat-tisħiħ tal-fidi fl-Insara, għas-sejħa għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża, għall-morda u l-batuti. Is-santwarju se jkun imħolli f'idejn il-Patrijiet Kapuċċini tal-Kenja, megħjunin minn sorijiet lokali.

Din l-okkażjoni solenni bdiet b'pellegrinaġġ ta' madwar ħames kilometri mill-inħawi ta' Thalatamel bl-istatwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha, is-Sibt 7 t'Ottubru 2006, lejlet jum il-konsagrazzjoni. Folla mdaqqsa ta' nies, li kienet preżenti għat-tberik ta' l-istatwa, bdiet tiżdied matul it-triq b'mod sakemm il-pellegrinaġġ wasal Msabaha l-folla kibret bil-mijiet.

Ċerti li dan il-proġett se jkun grazzja importanti fl-iżvilupp tad-distrett u d-Djoċesi ta' Malindi. Bosta se jibbenefikaw mis-servizz li se jkun joffri, iżda fuq kollox is-Santwarju se jkun iċ-Ċentru ta' devozzjoni lill-Madonna taħt it-titlu ta' Marija Omm Alla. •

# "Fid-Dar Għand Ommna"

## INAWGURAT SANTWARJU MARJAN GĦAD-DJOĊESI TA' MALINDI, KENJA





# KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU MARJAN F'MSABAHA - MALINDI, IL-KENJA

## Siltiet mill-messaġġ imwassal minn Fr Leonard Falzon OFMCap lill-Isqof Mons. Francis Baldacchino u l-poplu f'Malindi nhar il-Ħadd, 8 t'Ottubru 2006

**Huwa pjaċir kbir għalija li għal darb'oħra nerġa' nkun magħkom, nies ta' Malindi, miġbura hawn madwar l-Isqof u r-Ragħaj tagħkom għall-inawgurazzjoni u t-tberik ta' dan il-kumpless kbir li jinkludi Santwarju Marjan, bl-isem addattat ta' THE SHRINE OF OUR LADY OF MSABAHA, flimkien ma' klinika fornuta tajjeb għal dawk fil-bżonn. Niftakar li kont hawn xi żmien ilu għall-ftuħ u t-tberik taċ-Ċentru Pastorali. Għal dawn iż-żewġ proġetti, il-Kapuċċini mill-gżira ta' Malta, flimkien ma' ħafna oħrajn b'mod speċjali l-Ħbieb ta' Malindi fl-Italja, ikkontribwew biex dawn il-proġetti bżonjużi jiġu mwettqa.**

Il-Kapuċċini u dawk il-Maltin ammiraturi u sostenituri tal ħidma missjunarja f'Malindi, li qed ngħaddilkom it-tislijiet tagħhom, huma ferħana li ż-żerriegħa li żergħu fin-naħa tan-nofsinhar tad-djoċesi ta' Malindi waslet biex issir siġra kbira. Qed nirreferi b'mod speċjali għax-xogħol ta' evanġelizzazzjoni li nbeda fl-1974 fi Mpeketoni, Lamu u żoni oħra fil-qrib li sab espressjoni fl-edukazzjoni, xogħol soċjali u mediku u proġetti oħra ta' żvilupp.

B'dan il-kumpless, l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Francis qiegħed ipoġġi fil-prattika d-direttivi tal-Papa Ġwann Pawlu II fl-Appostolat Pastorali tas-Santwarji tal-Knisja mogħti fi żmien il-Pontifikat tiegħu u fil-ħafna żjarat tiegħu lill-knejjes u Santwarji Marjani madwar id-dinja. L-Isqof Francis, li kien mgħejjun kontinwament bil-pariri esperti ta' Dottor Lorenzo Salmaso minn Fossò, Venezja, xtaq numru ta' proġetti oħra bħala għajnuna għall-popolazzjoni lokali. Qed nirreferi hawn għall-klinika dentali u ta' l-għajnejn, għall-assistenza fil-maternità u servizzi oħra tas-saħħa.




In-nies kollha ta' Malindi u n-naħat ta' mad-dawra u dawk kollha li jiġu hawn se jsibu kull għajnuna possibbli fil-bżonnijiet tagħhom.

M'għandna l-ebda dubju li dan il-proġett se jibqa' jitfakkar fl-iżvilupp tad-Distrett u d-Djoċesi ta' Malindi. Ħafna se jgawdu bil-kbir mis-servizzi tiegħu, iżda b'mod speċjali dan is-Santwarju se jkun Ċentru ta' Devozjoni vera lejn Marija, Omm Alla. L-involviment tal-parroċċi u l-outstations kollha tad-Djoċesi juri li n-nies kollha ta' Malindi kienu u jkomplu jkunu involuti. U dan huwa sinjal tajjeb ħafna speċjalment fil-kultura lokali li s-Santwarju diġà huwa tagħkom, nies ta' Malindi, u jiena żgur li, bħal ma rajt f'postijiet oħra, intom se tagħmlu suċċes b'dan il-proġett.

Jalla Marija, Omm Ġesù u Omm Alla, tmexxina hi f'kull ma nagħmlu ħalli nibqgħu assigurati li l-protezzjoni tagħha tibqa' tgħinna biex inkunu Kristjani aħjar u ċittadini b'impenn ikbar għal dan il-pajjiż għażiż tagħna. •





# ALLA L-EWWEL

**Iddeċidejt li nimxi wara Ġesù. Minn fejn se nibda?**

*"Ħobb lil Alla b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, b'ruħek kollha u bil-qawwa tiegħek kollha. Dan hu l-ewwel u l-akbar kmandament."*

**Inħobb 'l Alla fuq kollox b'kulma jien u b'kulma għandi. Kif jista' jkun?**

*L-ewwelnett irrid li dan ikun l-impenn l-iktar importanti u essenzjali għalija; irrid li jkun l-iskop ewlieni li għalih ngħix, nibki, nifraħ, naħdem, nistrieħ, immut. Dan irid ikun l-ideal ta' ħajti!*

Kull ideal li nagħżlu jiddetermina l-għażliet ta' ħajjitna, ir-relazzjonijiet ma' l-oħrajn, kif inqattgħu l-ħin liberu tagħna, kif naħdmu, kif nużaw il-ġid materjali, kif nippjanaw il-futur, kif inrabbu 'l uliedna, kif nipprattikaw ir-reliġjon, inħarsu lejn is-suċċessi u l-fallimenti tagħna, lejn il-mard, lejn it-traġedji, lejn il-politika, lejn l-isport u kull passatemp, lejn l-impjieg u lejn l-ambjent...

Għad-dixxiplu ta' Ġesù, l-ideal hu: **"Isma' Iżrael, il-Mulej hu Alla tagħna, il-Mulej wieħed hu, u inti għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha"** (Mark 12, 29-30).

Dan l-ideal tal-Lhudi, għalina l-Insara jrid jiġi pprattikat bħalma Ġesù għexu jekk irridu nkunu dixxipli tiegħu. Mela, jien nixtieq nitgħallem u nikseb għerf u għaqal dwar kif inħobb lil Alla u l-qawwa biex inwettaq dan.

Aħseb sew: għallex dan l-ideal u mhux ieħor?

Hemm Ideali oħra Jitqabdu biex jieħdu l-ewwel post: ħajja komda, sigurtà, suċċess fil-ħajja, familja magħquda, saħħa... Allura, għaliex għandi nagħżel dan l-ideal?

**Alla jixraqlu jkollu l-ewwel post**

***Mattew 13:45-46: Alla hu l-ġawhra ta' siwi kbir.***

- Alla hu etern
- Alla hu l-Ħallieq
- Alla hu l-Protettur
- Alla hu s-Salvatur
- Alla sar Bniedem minħabba fija
- Alla offra lil Ibnu l-Waħdieni biex isalva lili
- Alla ġie jgħammar fija

**Inħlaqna biex inħobbuh**

***Efesin 1:4-5: Għalhekk inħlaqna***

***1 Ġwanni 4:7: Għalhekk iridna miegħu***

**Ikkmandati li nħobbuh**

***Mattew 22:37-38: L-ewwel u l-akbar Kmandament skond Ġesù.*** (ikompli f'paġna 12)

## B'QALBEK KOLLHA

- Fil-Bibbja, il-qalb tfisser il-qalba tal-bniedem, dak il-post intimu u sagru li fih il-bniedem jagħmel l-għażla fundamentali li tolqot kull għażla oħra u kull deċiżjoni li jiġu wara.
- Mela b'qalbi kollha tfisser impenn totali. Jiġifieri nieħu deċiżjoni li Alla jieħu l-ewwel post fl-għażliet tiegħi, li se nikkonsultah qabel nieħu deċiżjonijiet serji, li nkun leali lejh u lejn il-ħsibijiet tiegħu, li nqiegħed ir-rieda tiegħu qabel tiegħi. Fi Ġwanni 14:15, dan l-impenn ifisser ubbidjenza b'imħabba. Dan l-impenn irid ikun għażla personali mhux jiddependi mill-kultura, mill-ħbieb, mill-familja, mill-konvenjenza (għax jaqbilli). Ifisser li jkolli relazzjoni persuna ma' persuna.
- Il-qima u t-tifħir lil Alla huma espressjoni ta' din l-għażla. F'Rumani 12:1 insibu li l-qima hi espressjoni u turija ta' mħabba totali.

## B'MOĦĦOK KOLLU

Moħħna għandu jkun sottomess għal Alla

1. Insir naf Alla kif jaħseb u nibdel ħsibijieti skond il-ħsieb ta' Alla (per eżempju: dwar il-ġustizzja, dwar iż-żwieġ, dwar it-trobbija tat-tfal, dwar id-drittijiet umani, eċċ).
2. L-użu tal-midja ta' komunikazzjoni soċjali: TV, radju, kotba, rivisti, internet, chatting, mobile phone, eċċ.
3. Dixxiplina fuq il-ħsibijiet. Ngħid le lill-ħsibijiet li ma jixirqux lin-nisrani (ara Filippin 4:8 dwar x'għandu jaħseb u kif għandu jaħseb in-nisrani).
4. Inrabbi kontroll tajjeb fuq id-diversi funzjonijiet ta' moħħi: l-immaġinazzjoni, il-memorja, ir-raġunamenti, il-kritika, il-ħolm, l-ippjanar, eċċ.

## ĦOBB IL-KELMA TA' ALLA

1. Naqraha regolarment (nisma' sew il-qari liturġiku waqt il-quddies, qari personali tal-Bibbja, Kliem il-Ħajja)
2. Nitgħallem nifhimha (insaqsi meta ma nifhimx, nisma' taħdidiet, nagħmel studju personali, naqra r-rubrika dwar il-Bibbja fid-Dawl Franġiskan)
3. Nitlob bit-talb bibliku (bħas-Salmi u l Kantiċi, il-Brevjar).

## B'SAĦĦTEK KOLLHA

L-imħabba m'għandhiex tarf (limitu) jew kundizzjonijiet. Bil-kelma "saħħa", irrid nifhem:

- l-użu tal-ġid materjali
- l-użu tal-ħin
- l-użu tat-talenti, tal-kariżmi u kull ħila oħra
- is-saħħa fiżika, emozzjonali u mentali

## B'RUĦEK KOLLHA

Ruħi hi maħluqa xbieha ta' Alla. Hi l-vera identità tiegħi. Fiha jgħammar l-Ispirtu ta' Alla li jsuqni bi ħlewwa kbira biex nilħaq l-għan li għalih kont maħluq. Iktar ma' nħalli l-Ispirtu s-Santu jiggwidali 'l ħajti, iktar inkun qed inħobb lil Alla b'dak kollu li jien.

Meditazzjoni ta' dawn il-versi bibliċi tgħinni nifhem aħjar din il-forza li għandi fija: Eżekjel 36:26-27; Ġoël 2:28; Ġeremija 31:31-34 u Ġwanni 4:9-14

**Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja.**

**Hu l-Ispirtu li jqawwili l-volontà biex nagħmel dak li jrid Alla bla sforz żejjed.** •

# FOROM TA' TALB SEMPLIĊI GĦAS-SEMPLIĊI

minn Mons. Francis Baldacchino, Isqof tad-djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

## Ippreżentahom 'l Alla

**Ġieli jiġrilek li tkun quddiem Ġesù Sagramentat u qisu ma tafx x'se taqbad tgħidlu. Għax ma tippreżentalux il-maħbubin tiegħek u titolbu jberikhom, iħarishom minn kull deni tar-ruħ u tal-ġisem?**



Ġibhom quddiem għajnejk wieħed wara l-ieħor: uliedek u n-nisa/irġiel tagħhom, uliedhom, ommok u missierek, xi nanna...! Xi wħud taf li għandhom xi bżonnijiet speċjali: it-tifla qegħda titlewwem wisq ma' żewġha... ġuvni ma jaqbilx ma' missieru... xebba ħabtet tisfratta... tifel qiegħed jibża' mill-eżami u l-ġenituri qegħdin isusu żżejjed warajh u jfakkruh fl-ispejjeż, fil-futur tiegħu, fi kliem in-nies fuqu u fuqhom... xi ħadd qata' mis-smiegħ tal-quddies, tifla li ġġennet wara barrani bla reliġjon.

Ressaqhom quddiem Ġesù bil-problemi jew ferħat tagħhom u interċedi għalihom. It-talba ġeneruża tiegħek żgur li tiġi milqugħa minn Alla. Hu kapaċi jieħu ħsieb l-għeżież tiegħek ferm aħjar minnek. •



# NISPERA IVA, NEMMEN LE!

**Iż-żwieġ, ħafna jgħidu, huwa kaxxa magħluqa. Ma ngħidx li mhux hekk. Hemm ta' min jirnexxi u hemm ta' min jitfarrak. Jiddependi ħafna mill-personalità u kemm wieħed ikun lest għas-sagrifiċċju, l-impenn u jkun deċiż li ma jaqtax qalbu.**



Naima Elamrani hija mara kuraġġuża Marokkina li ġġieldet kemm felħet għax emmnet f'futur aħjar għas-seba' wliedha.

Kollox beda 16-il sena ilu meta Naima u żewġha Mohammed waslu l-Italja biex jibdew jgħixu ħajjithom hemm. Naima kważi rabbiet 'l uliedha – etajiet bejn 14-il sena l-kbira u ż-żgħir ta' ftit xhur – waħedha, billi x-xogħol ta' żewġha kien isuq it-trailers u kien jgħaddi ġranet u ljieli sħaħ barra. Biex trabbi familja kbira ma kinitx ċajta. Naima riedet toħroġ taħdem biex taqla' xi ħaġa żejda għall-familja, iżda żewġha qatt ma riedha.

Il-problemi bejn il-koppja bdew meta f'daqqa waħda Mohammed insista li jmorru jqattgħu xi ġranet vaganza f'pajjiżu. Iżda hekk kif waslu Casablanca, il-missier ħeba l-passaporti tat-tfal kollha. Beda l-inkwiet għax din il-mossa ma għoġbot xejn lil Naima. Mohammed ma riedx jaf b'raġuni. Ried assolutament li wliedu jitrabbew f'pajjiżu ta' veri Musulmani. Kien jgħid lil martu li fl-Italja wliedu jsiru prostituti jew traffikanti tad-droga. Naima ma kinitx taf x'se taqbad tagħmel. Kienet iddisprata. Fl-Italja, il-familja kellhom id-dar, kellhom ħajjithom, it-tfal kellhom il-ħbieb, kellhom l-istudju u tant affarijiet oħra. Fil-Marokk ma kellhom xejn, anqas fejn joqogħdu. Spiċċaw biex Naima, wara s-suppost vaganza, terġa' lura lejn l-Italja ma' żewġha u tħalli lil uliedha warajha mxerrdin 'l hawn u 'l hinn.

Hekk kif waslet lura l-Italja, Naima fetħet qalbha ma' ħabiba tagħha u din qalet lil ħaddieħor u lil ħaddieħor, sakemm fi ftit ġranet l-istorja ta' Naima sar jaf biha l-pajjiż kollu. Offra li jgħinha anki l-kappillan li min-naħa tiegħu rrikmandaha ma' avukat li wiegħed l-għajnuna tiegħu kollha. Is-sitwazzjoni kienet diffiċli ħafna. L-avukat ġietu l-idea li jippreżenta denunzja kontra Mohammed talli naqas li jmanti lil uliedu; u din id-denunzja ġiet ippreżentata fl-Italja u fil-Marokk. Sar sforz mill-Konslu Marokkin f'Turin li rnexxa, biex Mohammed jirritorna l-passaporti tat-tfal lil martu. Hekk kif il-kwistjoni tal-passaporti ġiet solvuta, Naima bir-raġun ħasbet li setgħet tmur lejn Casablanca u tgħannaq lil uliedha. Imma żewġha qalilha li flus biex tmur lura bl-ajru ma kellux. Jekk trid tiġbor lit-tfal tista' tagħmel dan billi tmur għalihom bil-pullman. Naima ma qatgħetx qalbha allavolja magħha kellha lil binha ż-żgħir ta' ftit xhur li kien twieled kemm kien ilha l-Italja. Ivvjaġġat bil-pullman għal tlett ijiem sħaħ.

Bil-għajnuna tal-ħbieb u permezz ta' appell f'gazzetta Taljana li wera l-kuraġġ ta' din l-omm u l-battalja li kellha quddiemha għall-kustodja ta' wliedha, Naima rnexxielha takkwista biljetti ta' l-ajru għaliha u għas-seba' wliedha.

Meta reġgħet lura l-Italja, Mohammed ried lil martu taħfirlu. Ried jerġa' jibda jgħix ta' veru missier, flimkien ma' martu u wliedu. Naima kellha quddiemha dilemma kbira. Xtaqet ħafna li wliedha ma jikbrux bla missier; mill-banda l-oħra ma setgħetx twarrab minn quddiem għajnejha kemm kellha ssofri ħtija ta' żewġha. Mohammed beda jgħid li nbidel. Għalkemm Naima xtaqet li jkun hekk, kien għadu kmieni wisq biex temmnu. Sadattant, Naima kienet reġgħet marret toqgħod fid-dar fejn qabel kienet għexet flimkien ma' żewġha u wliedha. It-tfal reġgħu bdew imorru l-iskola fejn ġew milqugħa ħafna minn sħabhom. It-tfal ta' l-iskola kienu jħobbuhom ħafna tant li kienu kitbu isimhom mal-ħitan tal-klassijiet. U ftit ftit il-familja reġgħet bdiet tgħix. Il-ħbieb ta' Naima komplew jgħinuha u ġabrulha ħafna flus. Fetħulha kont il-bank f'isimha biex żgur żewġha ma jkollux jedd għalihom. Min-naħa tagħha, għalkemm kienet tapprezza ħafna kull għajnuna li tingħatalha, kienet tħoss ukoll li kien wasal iż-żmien li tagħmel xi ħaġa hi ukoll u fl-istess ħin issolvi l-problema ma' żewġha. Naima qed tispera li hekk kif Mohammed juriha li verament inbidel, tagħtih iċ-ċans li jerġa' lura d-dar, imma wisq tibża' li raġel ta' 52 sena ma jinbidilx. L-aktar importanti għaliha fil-mument hu li wliedha qegħdin taħt il-ħarsien tagħha u qed jirċievu l-edukazzjoni li hi dejjem xtaqitilhom.

Naima temmen ukoll li jekk Mohammed isofri ftit ma jkun ġara xejn. Ikun qed iduq ftit mill-mediċina li kien ġiegħel lil martu tixrob minnha.

Iż-żmien jagħtiha parir. •



# IL-FIDI FIŻ-ŻWIEĠ

**Jekk xi ħadd ħaseb li l-ħatra ta' Benedittu XVI setgħet twassal biex eventwalment isir xi tibdil f'dak li għandu x'jaqsam ma' żwieġ nisrani, għarralu. U ma setax ikun mod ieħor meta dak li jkun jirrealizza li l-Kardinal Jozef Ratzinger, qabel ma sar Papa, kien għal snin twal wara ċerti poΩizzjonijiet li ħadet il-Knisja biex tiddefendi ż-żwieġ nisrani. Iż-żjara tal-Papa f'Valenzja fi Spanja, fejn mar fl-okkażjoni ta' għeluq il-Ħames Laqgħa Dinjija tal-Familji, xejnet kull dubju u saħħet il-pożizzjoni tal-Qdusija Tiegħu fid-dawl tal-Maġisteru u tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika fir-rigward iż-żwieġ.**



Mill-ewwel deher ċar li l-Papa aċċetta li jmur Spanja bi skop preċiż. Tant hu hekk li minuti biss qabel ma rikeb l-ajruplan lejn Valenzja, il-Papa saħaq mal-ġurnalisti u dawk preżenti li: iż-żwieġ nisrani huwa rabta għall-ħajja sħiħa, rabta li ma tinħallx. Naturalment imma dan żgur mhux tort tal-Papa, kif kien mistenni, bosta interpretaw iż-żjara papali bħalha sfida meta jitqiesu l-liġijiet l-ġodda li tnedew riċentement fi Spanja. Liġijiet li huma għal kollox kontra l-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika u li permezz tagħhom sar legali żwieġ bejn żewġ persuni ta' l-istess sess (raġel ma' raġel jew mara ma' mara); id-divorzju; iktar faċilità f'dak li huwa trattament dwar il-fertilità; tnaqqis fl-edukazzjoni nisranija fl-iskejjel. Minn stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika jirriżulta li żewġ terzi tal-poplu spanjol huma favur iż-żwieġ bejn koppja ta' l-istess sess u favur id-divorzju; u inqas minn wieħed minn kull ħamsa huma prattikanti.

Lil hemm minn dak li ktibt s'issa, il-Papa kien tassew ħerqan li jmur Spanja, anki biex jonora l-impenn pastorali li kien daħal għalih il-predeċessur tiegħu, li kien nieda dawn il-Laqgħat Dinjin. Interessanti wkoll li wieħed jinnota li Benedittu XVI, fid-diskorsi tiegħu u fl-Omeilja tal-Ħadd, dejjem saħaq u firex ħsibijietu fuq il-Logo tal-Ħames Laqgħa Dinjija tal-Familji: It-tnissil tal-Fidi fil-Familji. Prattikament il-Papa nsista iktar min darba fuq is-sehem ewlieni li għandha l-familja bbażata fuq iż-żwieġ, kemm fil-Knisja kif ukoll fis-soċjetà. Il-familja hija istituzzjoni speċjali u waħdanija fil-pjan ta' Alla, għaldaqstant il-Knisja ma tistax ma tiddikjarax u tmexxi 'l quddiem l-importanza fundamental tal-familja bil-għan li tgħix kontinwament il-vokazzjoni tagħha b'sens sħiħ ta' responsabltà, Imħabba u ferħ.

Fil-quddiesa ta' għeluq il-Laqgħa Dinjija tal-Familji, il-liturġija tal-Kelma ntgħażlet għall-okkażjoni u s-siltiet offrew spunt tajjeb biex il-Qdusija Tiegħu jkompli jisħaq u jfaħħar l-importanza u r-rabta tal-familja tradizzjonali. Mill-ewwel qari l-Papa silet il-versi mit-talba li Ester għamlet lill-Mulej: **"Sa min ċkuniti, fi ħdan il-familja ta' missirijieti, jien kont nisma' li int, Mulej, għażilt lil Iżrael minn fost il-ġnus kollha..."** (Ester 4:16). B'riferenza għat-tieni qari, il-Papa ta mportanza lill-kliem San Pawl li faħħar lil Timotju għal-lealtà u l-fidi li kellu f'nanntu u f'ommu: **"Niftakar fil-fidi vera**



**tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd u mbagħad ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll"** (II Tim 1:4). Il-familja titqies bħalha komunità ta' ġenerazzjonijiet u garanzija tal-patrimonju tat-tradizzjonijiet. Dawn iż-żewġ siltiet ifissru ċar li ħadd minna ma ta l-ħajja lilu nnifsu jew tgħallem waħdu kif għandu jgħix. Ilkoll kemm aħna nagħtajna l-ħajja u rċevejna t-tagħlim bażiku tant meħtieġ għall-istess ħajja biex flimkien insiru ħaġa waħda permezz tar-relazzjonijiet ta' bejnietna u l-imħabba sħiħa lejn xulxin. Il-Papa, fl-omelija tiegħu, enfasizza dan il-punt: **"Il-familja bbażata fuq iż-żwieġ, bejn mara u raġel, li ma jinħallx, hija l-espressjoni qawwija ta' din ir-relazzjoni filjali u ta' komunjoni fil-ħajja tagħna. Huwa l-uniku ambjent fejn in-nisa u l-irġiel jistgħu jitwieldu b'dinjità u jistgħu jikbru u jiżviluppaw b'mod sħiħ tassew."**

Il-kontinwità tal-familja, il-mara u r-raġel magħqudin f'għaqda waħda u sħiħa, flimkien mat-tfal, in-nanniet u dawk li ġew qabilna, issib għeruqha fil-fidi, li mhijiex biss wirt kulturali, imma l-grazzja ta' Alla li taħdem fina. Alla jsejjaħ kontinwament imbagħad irridu nkunu aħna li nwieġbu. Tajjeb ngħidu li: **"filwaqt li ħadd m'għandu dritt iwieġeb għal ħaddieħor, il-ġenituri nsara"**, qal il-Papa, **"huma fid-dmir li jagħtu xhieda ħajja tal-fidi u tat-tama nisranija tagħhom. Għandom jaraw li s-sejħa ta' Alla u l-messaġġ ta' Kristu jitwasslu lil uliedhom sħaħ, ċari u li jiftiehmu."**

Fi Spanja l-Papa saħaq ma' l-isqfijiet Spanjoli biex jilqgħu għas-sekularizzazzjoni bla rażan u kkundanna kull ħidma biex il-fidi u l-etika jitwarrbu mill-ħajja taċ-ċittadin. Qed ngħixu kultura, sostna Benedittu XVI, li tgħolli żżejjed il-libertà ta' l-individwu bħallikieku aħna awtonomi, awtosuffiċjenti qiesu ħloqna lilna nfusna u ma jimpurtaniex minn għajrna u minn ta' madwarna. Qed tingħata importanza żejda lix-xewqat fiergħa u b'hekk jitwarrbu l-prijoritajiet veri tal-ħajja bħad-drittijiet tal-bniedem, għad-dinjità u l-obbligi morali u umanitarji li kull soċjetà hija fid-dmir li tqis u tirrispetta. Il-Papa kien iktar milli ċar meta qal: **"Il-bidu ta' ħajja ta' bniedem, mhux ħaġa ta' bla ħsieb jew għax hekk ġara, imma kollox huwa skond il-pjan ta' Alla."**

Ovvjament hemm ukoll istituzzjonijiet li qed jaħdmu u qed jgħinu bis-sħiħ favur il-ħajja, iż-żwieġ nisrani u l-familji. Lil dawn il-Papa raddilhom ħajr u appella għall-**"kollaborazzjoni sħiħa ma' dawk il-persuni ta' rieda tajba li qed ikunu ta' servizz għall-familji"** (Familiaris Consortio, 86) biex b'hekk fil-pluralità ta' l-inizjattivi li jittieħdu kollox ikun indirizzat lejn il-promozzjoni tal-ġid awtentiku tal-familja fis-soċjetà ta' żmienna. •



# IMĦABBA BIS-SENS

## mid-D X-Tremens intagħżlet bħala l-kanzunetta uffiċjali għall-Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2007

**Il-postulanti ġodda, Frederick Scerri, Paul Filletti u Bertrand Vella mill-Provinċja tal-Franċiskani Kapuċċini f'Malta, flimkien ma' l-aħwa l-oħra ta' l-istess Provinċja, Joseph Giuliano, Dennis Calleja, Eric Vella u Hayden Williams, iffurmaw grupp bl-isem ta' D X-Tremens u ħadu sehem fil-Kompetizzjoni għal Kanzunetta Uffiċjali JIZ '07 organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana għaż-Żgħażagħ bil-kanzunetta Imħabba bis-Sens (True Love)**

Frederick ikkompona l-mużika u l-lirika waqt li Ħuna Joseph għamel xi addattamenti mużikali. L-għan ta' din il-kompetizzjoni kien li tingħażel kanzunetta uffiċjali għall-jum nazzjonali taż-żgħażagħ iċċelebrat minn Knisja f'Malta. Kien hemm sitt baned li ħadu sehem.

Imħabba bis-Sens intagħżlet bħala l-kanzunetta uffiċjali għall-Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ '07. Dan ifisser li din il-kanzunetta se tindaqq waqt l-attivitajiet uffiċjali organizzati mill-Kummissjoni Djoċesana għaż-Żgħażagħ fis-sena 2007. Tista' tisma' Imħabba bis-Sens billi żżur www.capuchin-vocations.org.

D X Tremens twaqqaf madwar sentejn ilu bl-intenzjoni li tiġi mħabbra l-Aħbar it-Tajba b'mod ħaj permezz tal-kant u l-mużika. D X- Tremens tfisser dak li l-grupp Kapuċċin jixtieq biex jgħixu flimkien, jiġifieri l-Evanġelju ta' Ġesù kollu kemm hu! Bħal Ġesù ngħixu fil-faqar, ubbidjenti bħal Ġesù lejn Missierna tas-Sema u fiċ-ċelibat. Bħal Ġesù li għex f'komunità ma' l-appostli, aħna rridu nkunu xhieda ta' l-imħabba ta' Alla lejna billi ngħixu f'komunità. •

# Sejjaħli Mulej?



**Kull żagħżugħ jew żagħżugħa jiġu f'mument fil-ħajja fejn iridu jagħżlu dwar l-istil ta' ħajja li jkunu msejħa mill-Mulej biex jgħixu. Ħgur li huwa mument delikat ħafna għaliex kull mument ta' deċiżjoni mhux daqshekk faċli li tasal għalih. Iżda bħal kull ħaġa oħra trid jew ma tridx ikollok tasal biex tieħu d-deċiżjoni. Għalhekk tajjeb li qabel wieħed jiddeċiedi ma jgħaġġilx iżda għandu jiżen sew dwar x'deċiżjoni se jieħu.**

Franġisku t'Assisi, żagħżugħ mimli enerġija kien joħlom dwar il-futur tiegħu. Xtaq ħafna li jsir kavallier u li jkun popolari. Kien żagħżugħ li jiġbed l-ammirazzjoni ta' sħabu. Iżda l-pjanijiet t'Alla kienu differenti għalih. Franġisku ħaseb mod u Alla ħaseb mod ieħor. Il-pjan t'Alla kien li Franġisku jkun propjetà tiegħu. Riedu għalih biex ikun strument f'idejh ħalli bil-konverżjoni tiegħu jressaq oħrajn lejh. Ma kienx faċli li jitlaq il-ħajja ta' xalar u ta' festi, li jħalli l-ġid li kellu u lil sħabu li kien jgħaddi ljieli sħaħ magħhom. Iżda huwa għaraf ħaġa waħda, li ħdejn Alla ma joqgħod ħadd. Huwa nduna li dawn l-affarijiet tad-dinja ma kinux qegħdin jagħtuh il-ferħ u l-paċi li tant kien jixtieq jiskopri f'ħajtu. Kien mument delikat ħafna f'ħajtu li ried jieħu deċiżjoni.

Mulej, urini xi trid minni. Din kienet it-talba li kienet toħroġ minn fommu biex il-Mulej jurih biċ-ċar x'kienet is-sejħa li kien qed jagħmillu. Iżda Franġisku kien dispost li jikkopera mal-grazzja t'Alla u fetaħ qalbu għall-kelma li poġġa f'qalbu l-Mulej. Franġisku ntebaħ li triq waħda xtaq il-Mulej minnu: li jitlaq il-ġid tad-dinja biex jgħix skond l-Evanġelju. Minn dak il-ħin li ħa d-deċiżjoni qatt ma ħares lura, iżda mexa 'l quddiem fil-ħajja ta' l-Evanġelju.

Li timxi fit-triq tal-Mulej fil-ħajja reliġjuża jew saċerdotali hija sfida. Sfida għax taf li dak li sejjaħlek hu l-Mulej. Il-Mulej jkun miegħek f'kull pass li tagħmel. Ħaġa waħda l-Mulej jkun jixtieq: li tiftaħ qalbek beraħ u tikkopera mal-pjan tiegħu għalik. Li tiftaħ qalbek ifisser li taħdem id f'id miegħu bla kundizzjoni ta' xejn.

Tkunx semmiegħ trux. Tirreżistix għas-sejħa. Iżda aċċettaha bil-ferħ għax il-Mulej minn fost ħafna għażel propju lilek biex timxi warajh f'relazzjoni ta' mħabba għal dejjem. •



KARIŻMA FRANĠISKANA

# L-EWKARISTIJA: DEWQA TA' L-ETERNITÀ



## VIJONI EWKARISTIKA ORIĠINALI (II)

**Fl-ittra li Franġisku ndirizza lill-Ordni kollu widdeb u ħeġġeġ lil Aħwa tiegħu għal adorazzjoni u qima speċjali lejn l-Ewkaristija.**

"B'qalbi kollha nitlobkom, Aħwa tiegħi, biex turu qima u ġieħ lejn il-ġisem u d-demm tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Lil dawk Ħuti li huma saċerdoti, li jiċċelebraw il-quddiesa, ifittxu li jkunu puri, u bis-safa u l-qima kollha joffru s-sagrifiċċju mhux biex jgħabbu l-bnedmin jew għal xi qligħ materjali, imma b'intenzjoni qaddisa. Jekk aħna nqimu lil Marija għax ġarritu (lil Ġesù) f'ġufha, jekk aħna nqimu l-qabar li fih kien imqiegħed għal xi żmien ġismu mejjet, kemm għandu jkun qaddis u nadif dak li jilqa' f'qalbu u jqassam lill-oħrajn lil dak li miet u rxoxta u li "l-anġli jitgħaxxqu jaraw" (1 Pt 1:12). Qisu mela d-dinjità tal-ministeru afdat f'idejkom, O ħuti saċerdoti, u fittxu li tħobbuh, tqimuh u tagħtuh ġieh fuq kulħadd. Iċċekknu kemm tifilħu meta tafu li s-Sid tal-ħolqien kollu, l-Iben ta' Alla, ċekken lilu nnifsu biex għas-salvazzjoni tagħna jinħeba taħt ix-xbiha ta' farka ħobż.



Oh x'umiltà kbira! Oh x'kobor umli! U għalkemm Franġisku sforz l-umiltà tiegħu ċaħad għad-dinjita tas-saċerdozju, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu xorta waħda qal dak li kellu jgħid fuq iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkarisitija u saħanistra wasal biex kien anki profetiku f'dan ir-riġward. Jekk minn wara l-Konċilju Vatikan II fil-kunventi daħlet l-użanza sabiħa tal-quddiesa tal-fraternità, quddiesa konċelebrata għal u mill-Patrijiet kollha, li fiha jsir qsim tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija, din l-użanza ħolom biha u donnu riedha anki San Franġisk sa minn żmienu. Aqraw kliemu: "Inħeġġeġ li fil-postijiet fejn jgħixu l-Aħwa kuljum titqaddes quddiesa waħda. Fejn ikun hemm għadd ta' saċerdoti wieħed minnhom iqaddes u l-oħrajn jikkuntentaw li jieħdu sehem fil-quddiesa tiegħu. U l-Mulej Ġesù jagħni bil-grazzja tiegħu lil dawk li jkunu ħadu sehem kemm ukoll lil dawk li ma setgħux jieħdu sehem, basta jkunu denji" (Ittra lill-Ordni kollu). •

INĦOBBOM L-ISTEJJER

# IS-SIGRIET TAL-QRAR



**F'raħal ċkejken fin-naħa ta' fuq tal-Polonja kien sar qtil. Il-qattiel filgħodu kmieni mar fis-sagristija tal-knisja u qerr id-dnub tiegħu lill-kappillan tal-post. Malli qerr ħareġ u ħalla fis-sagristija libsa mċappsa bid-demm imgeżwra f'karta. Malli dan il-każ gie f'idejn il-pulizija, il-kappillan ġie arrestat.**

Il-kappillan kien jaf kollox x'ġara għax l-assassin kien qallu kollox fil-qrara li għamel, imma huwa ma lissen l-ebda kelma għax kien marbut bis-sigriet tal-qrar. Għalhekk il-kappillan ġie kkundannat u mibgħut fil-kampijiet kesħin tas-Siberja.

Wara tnax-il sena sħaħ ta' tbatija kbira, il-ħati li ma setax isib paċi, marad gravi. Meta ġie biex imut, stqarr id-delitt tiegħu u talab lill-kappillan innoċenti jiġi meħlus. Saret festa kbira u t-twajjeb kappillan daħal trijonfalment mill-ġdid fil-parroċċa tiegħu. •



# DARRELL EVANS

## U T-TIFHIR TIEGĦU

**Darrell Evans huwa persuna mimlja passjoni fl-imħabba tiegħu lejn Alla u fit-tifħir lill-Mulej, ħieles minn kull irbit bħal tifel żgħir ma' missieru. Fil-fatt biex jiddeskrivi l-istil tat-talb tiegħu, Darrell sikwit juża din it-tixbiha ta' tifel jilgħab quddiem missieru. Għalih it-tifħir huwa li inti tieħu gost b'Alla filwaqt li Alla jieħu gost bik. Huwa jisħajjel lilu nnifsu mal-Mulej f'għalqa kbira u Alla qed ibandlu bħalma missier ibandal lil ibnu. Li jkollok qalb ta' tifel ifisser li tkun ħieles fit-tifħir tiegħek 'l Alla sakemm dan il-ħelsien jinfirex fil-bqija ta' ħajtek.**




Fl-album tiegħu Freedom li ħareġ fl-1998 huwa jitkellem fuq il-fedeltà u l-imħabba t'Alla bħala Missier. Il-kanzunetta I am in love with You hija proklamazzjoni ta' dan: *"You found me in the darkness and brought me light. You took my lifeless heart and gave me life. You cleansed me from my sin and filled me up with your Spirit and with your love."* (Int sibtni fid-dlam u tajtni d-dawl. Inti ħadt il-qalb mejta tiegħi u tajtni l-ħajja. Int naddaftni mid-dnub tiegħi u mlejtni bl-Ispirtu tiegħek u bl mħabbtek.) When I pray – meta nitlob Mulej, int l-uniku wieħed li tismagħni: *"When I pray, I feel that you are near. When I cry, you're there to dry my tears. When I shout, you're the only one who really hears."* (Meta nitlob inħossok qrib tiegħi. Meta nibki inti hemm biex tixxuttali d-dmugħ. Meta ngħajjat, inti l-uniku wieħed li tismagħni.) Għalhekk ninxteħet f'riġlejk Mulej, (I lay me down) u nitolbok : *"At the foot of the cross I lay my life down. At the foot of the cross I lay down my crown. There is freedom there Lord. I lay my life down. Teach me Lord to deny myself, take up your cross, deny myself to walk with you."* (Taħt is-salib jiena npoġġilek ħajti. Taħt is-salib inqiegħed il-kuruna tiegħi. Hemmhekk insib il-ħelsien Mulej. Nagħtik ħajti. Għallimni Mulej niċħad lili nnifsi, nerfa' s-salib, niċħad lili nnifsi biex nimxi miegħek.)

Proġett ieħor li Darrell u sħabu ħadmu fuqu dan l-aħħar huwa l-album Consuming Fire. Fih insibu lil Darrell ikanta live flimkien ma' personalitajiet oħra fix-xena tal-mużika praise and worship, bħal Kate Miner, Paul Baloche, Charlie Hill u Kevin Prosch. F'dan l-album insibu numru konsiderevoli ta' kant ġdid, kif ukoll verżjoni ġdida ta kanzunetti Fields of Grace. Maħruġ mill-idejn kreattivi ta' Darrell, dan l-album huwa wieħed mill-aqwa u mill-aktar awtentiċi tiegħu.

Darrell ilu jmexxi t-tifħir u l-adorazzjoni sa minn meta kien adolexxenti. Huwa jgħid li jieħu gost meta l-Ispirtu qaddis jaħdem fih u permezz tiegħu joħloq songs ġodda. **"Jiena nipprova nkun sensittiv għal dak li l-Ispirtu jkun qed jgħid f'kull moment tal-kunċert. Irridu jmexxini hu. Irrid inkanta l-kanzunetti li hu jixtieq jisma',"** jgħid Darrell. Għalhekk fl-album Consuming Fire insibu atmosfera ta' talb qawwija ħafna. Waħda mill-isbaħ songs hija Precious Jesus. Din is-song, għalkemm fiha nnifisha hija sempliċi, bi tliet kordi biss, tkantat għal madwar tmien minuti u l-qawwa u l-anointing li kien hemm fiha kien wieħed uniku.

Darrell skopra fih dan id-don tat-tmexxija għat-tifħir waqt li kien ikanta t-talb lil Alla fil-quiet time tiegħu: **"Biż-żmien bnejt post sigriet miegħu. Dawn is-songs huma prezzjużi għall-Mulej kif ukoll għalija. Huma mwildin mix-xewqa li jkolli relazzjoni aktar intima miegħu. Dawn is-songs huma qalbi, huma t-talb tiegħi lilu."** •





# IT-TIENI PARTI
# LEJN ĠUSTIZZJA AĦJAR!

**Bħal ma sar fl-artiklu preċedenti tiegħi, qed nitratta numru ta' emendi li jifformaw parti minn proġett intitolat "Lejn Ġustizzja Aħjar u Eħfef", White paper varata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern fl-2005.**

Kif diġà semmejt, il-bilanċ li jrid jintlaħaq mill-amministraturi tal-ġustizzja huwa bejn ġustizzja li tkun tajba u li fl-istess ħin tkun effiċjenti. Dawn huma żewġ ingredjenti li jmorru id f'di li jridu jikkonkorru f'kull sistema tajba ta' ġustizzja; it-tnejn huma wkoll rekwiżiti kostituzzjonali taħt id-dritt tas-smiegħ. Difatti waħda mill-inizjattivi fil-White paper kienet l-introduzzjoni ta' Ittra Uffiċjali Solenni, għalina l-avukati magħrufa bħala "ta' l-166A!". Infatti l-artikolu l-ġdid 166A tal-Kodiċital-proċedura jikkontempla ittra uffiċjali li wara li tiġi nnotifikata lill-intimat li min-naħa tiegħu jonqos milli jikkontestaha b'nota l-qorti fi żmien 30 jum din tiġi eżekuttiva, jiġifieri tiġi qisha sentenza tal-qorti. M'hemmx aġġettiv aħjar biex tiddeskrivi din l-emenda mill-kelma revoluzzjonarja!

L-ittra uffiċjali 'sempliċi' għandha effetti ħafna aktar limitati mill-ittra uffiċjali solenni. Meta tintbagħat ittra uffiċjali sempliċi din isservi biex (1) l-intimat jiġi interpellat bil-kontenut tagħha; (2) jkun hemm speċi ta' rċevuta li waslitlu bil-ħila tar-riferta li jagħmel il-marixall; (3) u l-aktar importanti, tinterrompi kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni li jkun għaddej. Issa l-ittra uffiċjali solenni għandha r-raba' saħħa: li jekk wara li jirċeviha, l-intimat ma jikkontestahiex fi żmien 30 jum, din tiġi titolu eżekuttiv, jiġifieri tiġi tiswa daqs sentenza tal-qorti, tiġi eżekuttiva. Importanti li din tista' tintuża biss bil-ħalfa tal-mittenti f'każ ta' kreditu monetarju taħt il-Lm5,000 li jkun ċert, likwidu u dovut u mhux f'każijiet ta' punti ta' dritt.

L-implikazzjoni hija waħda kbira. B'sempliċi ittra tal-qorti din l-emenda twasslek għall-kanonizzazzjoni tal kreditu tiegħek billi t talba tiegħek issir eżekuttiva u tkun tista' toħroġ il-mandati eżekuttivi jekk jibqa' ma jħallasx. Fil-qasir, din l-emenda qabżet is-sistema ġudizzjarja kollha mingħajr ma wieħed għandu għalfejn jiftaħ kawża u jidħol il-qorti. Jekk tippermettuli, nagħmel analoġija mal-kamp mediku biex wieħed jifhem aħjar. Li ġara hu qisu fejn qabel għal fejqan ta' marda partikolari ridt bilfors tagħmel operazzjoni, issa b'din l-emenda qisu ġiet ivvintata duwwa li toħodha minflok ma jkollok bżonn tmur taħt is-sikkina. Għal ħafna din tista' tinstema' tajba ħafna. U hekk hija effiċjenti ferm u tevita ħafna kawżi li jieħdu ħafna aktar ħin u aktar spejjeż. Però jrid jiġi apprezzat li din hija miżura ferm perikoluża għal min irid jabbuża minnha.

L-ewwelnett wieħed irid jifhem li b'sempliċi ittra uffiċjali bil-ġurament wieħed jista' jieħu sentenza kontra persuna anki jekk mhux minnu li għandu jeħodhom. Dawn każijiet li jistgħu jiġru speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu nies xjuħ jew nies li ma jkunux jafu jaqraw jew dawk traskurati li jirċievu l-ittra u ma jeħdux azzjoni dwarha. Fejn qabel min qed jallega dejn ried dejjem imur quddiem imħallef jew maġistrat u jikkonvinċih li għandu dritt jieħu xi flus, issa b'din l-emenda ma tidher quddiem ħadd u tista' tieħu sentenza kontra l-intimat li ma jweġibx. Barra minn hekk, is-sistema tar-riferti li fuqha tippernja din is-sistema mhux dejjem tkun preċiża u mhux l-ewwel darba li smajna b'nies li jiġu notifikati d-dar u per eżempju jkunu l-isptar. Din l-emenda, minkejja li hija tajba għax effiċjenti, għandha bżonn tiġi rfinuta fil-mod li tithaddem. Il-pubbliku min-naħa tiegħu għandu joqgħod b'seba' għajnejn li meta jirċievi att tal-qorti, speċjalment dan it-tip ta' ittra uffiċjali, imur mill-ewwel jieħu azzjoni. •

# NAGĦMEL RIŻOLUZZJONI LI...



## Is-Sena l-Ġdida t-tajba lilkom ilkoll!

**Paġna oħra maqluba mas-sena li għaddiet. Paġna oħra minn ħajjitna li setgħet bidlitna b'modi diversi. U issa għandna paġna ġdida li fuqha tista' tagħmel disinn ġdid, differenti minn tas-sena l-oħra. Ħafna jieħdu din l-opportunità ta' sena ġdida biex jagħmlu riżoluzzjoni ħalli jibdlu xi ħaġa f'ħajjithom.**

Il-bidla meħtieġa tista' tkun jew biex tbiddel xi ħaġa ħażina f'ħajtek f'dik tajba, pereżempju taqta' s-sigaretti. Tista' tkun ukoll li tbiddel imġiba newtrali f'dik tajba, pereżempju tirriżolvi li tibda tgħin fil-volontarjat. Qabel xejn trid tinħass il-ħtieġa għall-bidla. Din tista' tiġi minn ġewwa (tħossha int) jew minn barra (josservalek ħaddieħor). Hawnhekk int trid tieħu deċiżjoni: jew tibqa' kif int, jew tinbidel. Din ħafna drabi hija deċiżjoni ta' kuraġġ. Huwa iktar faċli li tħalli l-affarijiet kif inhuma milli li tibdilhom. Mingħajr din id-deċiżjoni konxja m'hemmx bidu għal bidla u din tista' tkun l-iktar parti diffiċli ta' dan il-proċess.

Wara dan jeħtieġ li tara fejn qiegħed bħalissa, tistabbilixxi s-sitwazzjoni preżenti u mbagħad tara fejn tixtieq tkun. Eżempju faċli huwa ta' dawk li jixtiequ jnaqqsu l-piż minn dak tal-preżent għal dak ideali. Hawnhekk tistabbilixxi l-mira tiegħek u r-riżultat li trid tilħaq wara li tkun għamilt l-intervent meħtieġ. Il-mira trid tkun realistika u importanti l-iktar għalik. Tajjeb tiddeskrivi r-riżoluzzjoni tiegħek f'termini speċifiċi, pereżempju: "Irrid inqatta' iktar ħin mat-tfal."

L-intervent huwa differenti għal kull sitwazzjoni. Tista' tagħmlu int waħdek iżda ħafna drabi teħtieġ l-għajnuna ta' ħaddieħor. Trid tagħmel pjan ta' l-azzjonijiet li trid tieħu. Huwa importanti li tqatta' ħin biżżejjed biex taħseb fuq dan il-pjan. Idealment tpoġġi bilqiegħda u b'karta u lapes tikteb l-ideat kif jiġuk.

Psikoloġikament trid tipprepara lilek innifsek biex taċċetta lilek innifsek fl-istat ġdid mibdul. Jekk inti dejjem tafek tpejjep, trid tinsa dik il-parti minnek innifsek u tibda tara lilek innifsek bħala persuna li ma tpejjipx.

Fl-istrateġija li toħloq trid tinkludi xi benefiċċju għalik li jirriżulta mill-isforz li tkun qed tagħmel biex tinbidel. Pereżempju, għal min jieqaf ipejjep dan ifisser flus iktar fil-but (benefiċċju immedjat) u tjubija fis-saħħa (benefiċċju fit-tul), minbarra benefiċċji oħra.



Dan iservi bħala rigal għalik, iżda wkoll ikun sosteniment posittiv għall-isforzi tiegħek. Dan ikun importanti biex iċ-ċiklu li ħloqt ta' bidla u benefiċċju jibqa jdur fid-direzzjoni t-tajba. Lesti ruħek li se jkollok mumenti ta' dgħjufija, u forsi taqa'. Tgħallem iġbor lilek innifsek u tgħallem minn dik il-waqa'. Kompli emmen fik innifsek li int kapaċi tasal. Wara li tasal għal xi riżultat ara jekk hux dak li xtaqt. Jekk le, erġa' studja u stabbilixxi s-sitwazzjoni u ċ-ċiklu jista' jerġa' jibda mill-ġdid.

Għal ħafna, biex jinbidlu jeħtieġu xokk fis-sistema tagħhom, jiġifieri jseħħ xi avveniment drastiku f'ħajjithom. Niltaqa' ma' ħafna nies li jippruvaw jieqfu jpejjpu wara li jkollhom attakk f'qalbhom. Dan pass posittiv, iżda sa ċertu punt ikun diġà tard. Il-bidu tas-sena għandu jservi flok dan it-tip ta' xokk biex nagħmlu l-bidla. Iżda lanqas huwa neċessarju li jasal l-ewwel tas-sena biex tagħmel dan. Għażel jum meta tħossok ippreparat, aqta' l-ankri li qed iżommuk u mexxi l-vapur tiegħek għal fejn trid tasal.

**Nawguralek u nixtieqlek is-saħħa.** •

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.***



# IL-ĦAJJA KRISTJANA

**Il-kontribuzzjonijiet tiegħi għal "Dawl Franġiskan" bdew aktar minn sentejn ilu. Kien id-direttur spiritwali tiegħi li ħeġġiġni biex nikteb f'din ir-rivista meta kont urejtu artiklu li kont ktibt dwar "Lejn Alla bl-isport". Issa naħseb li eżawrejt dawn il-ħsibijiet u ħsibt li jkun ta' benefiċċju għalija u l-qarrejja ta' din ir-rivista Kapuċċina li nibda nikkontribwixxi xi ħaġa dwar il-ħajja Kristjana. Din il-ħajja tinvolvi ħafna aspetti, imma l-għan kollu hu li nimxu fil-passi u t-triq li wriena Kristu meta kien jgħix bħala bniedem elfejn sena ilu.**

Meta ħafna nies jitkellmu fuq il-ħajja Kristjana jaħsbu biss b'sens ta' projbizzjonijiet. Ħafna jirreferu għar-reliġjon Kattolika bħala waħda ta' regoli. Veru li hemm dawn, imma kull soċjetà teħtieġhom biex ikun hemm armonija fost il-membri tagħha. Veru wkoll li ħafna Kristjani għamlu r-reliġjon ta' Kristu waħda ta' kmandamenti. Dawn qegħdin hemm biss biex jgħinuna ngħixu l-ħajja li Alla ħalaqna għaliha, dik li nħobbu lilu u lil xulxin u biex niżviluppaw u ntejbu r-relazzjonijiet tagħna ma' kull maħluq.

Waqt li r-regoli qegħdin hemm, m'għandhomx ikunu l-fokus tal-ħajja tagħna. Dawn għandhom iservuna biss biex jirregulaw u jiddixxiplinaw ħajjitna u għemilna fl-imġiba tagħna ma' ħaddieħor biex inkunu nistgħu nilħqu l-għan ewlieni, dak li nħobbu lil xulxin u lil Alla fuq kollox. Alla tana l-kmandamenti għax kien jaf kemm aħna fraġli u kemm nistgħu ninsewh biex naduraw xi alla ieħor bħalma huma r-rikkezzi jew li nimxu skond in-natura umana tagħna.

Fil-mixja tagħna lejn Alla ħajjitna trid tirrifletti s-sentimenti li kellu Kristu u dawn m'huma xejn aktar milli nħobbu 'l Alla u l-proxxmu tagħna kollu. Hu stess kien li qalilna meta ġie mistoqsi x'inhi ir-reliġjon tiegħu; **"ħobbu 'l Alla u lil dawk ta' madwarkom"**. San Pawl ukoll jgħidilna ċar u tond li jekk nitkellmu bl-ilsna kollha u ma għandniex imħabba nkunu qisna qniepen imġenġla.

L-aktar ħaġa importanti għal min hu Kristjan hi li ngħixu ħajjitna fi ħbiberija u mħabba ma' kulħadd. Dan ifisser li kull ma nagħmlu nagħmluh f'xirka waħda, xirka Kristjana. Il-komunità Kristjana hi bħall-ġisem li fih ħafna membri differenti, imma kollha huma importanti biex il-bniedem jaġixxi. Kristu jirreferi għall-Knisja Kattolika bħala dielja. Din fiha ħafna friegħi, imma kollha jagħtu l-istess frotta, l-għenba. Il-frott tax-xirka Kristjana hi l-imħabba li fuqha huma mibnija l-għaxar kmandamenti li Alla ta lil Mosè.

Aspetti oħra tal-ħajja Kristjana huma t-talb, il-konverżjoni tagħna, l-istudji li nagħmlu, is-servizz lill-oħrajn u l-Evanġelizzazzjoni tal-kelma t'Alla. Dawn l-aspetti kollha nixtieq li nibda naqsamhom magħkom biex bħala ġisem wieħed inkomplu mixjin ferħana f'Alla u meta l-ħolma ta' ħajjitna f'din id-dinja tispiċċa, inqumu għall-ħajja vera u eterna ma' ġenbu, ma' sħabna li kienu jħobbuh. •



## MALTEMP... ĊIKLUNI U URUGANI TROPIKALI

# AĦNA RESPONSABBLI

**Fil-fenomeni naturali dejjem għandek tiskopri xi ħaġa pożittiva. Din hija l-liġi tan-natura maħluqa minn Alla. U din qiegħda hemm mhux biex teqred, imma biex tagħmel il-ġid. Però ħafna drabi aħna nħarsu biss lejn l-aspett negattiv. U meta nitkellmu mill-aspetti negattivi tal-fenomeni naturali tajjeb li nsaqsu lilna nfusna jekk aħniex aħna li qed nikkawżaw jew niggravaw dawn l-aspetti negattivi għax m'aħniex nieħdu ħsieb biżżejjed l-ambjent naturali bil-ħarsien u l-protezzjoni ta' l-ekoloġija.**

Huwa fatt ippruvat xjentifikament li waħda mill-kawżi ta' l-urugani, li matul dawn l-aħħar snin qed jiżdiedu fin-numru u fil-qilla, hija ż-żjieda fil-gassijiet li aħna qed narmu fl-arja. Minn studju klimatoloġiku li sar nafu li daqs 4,500 miljun sena ilu l-enerġija li kienet toħroġ mix-xemx kienet 25% inqas minn dik ta' llum. Però sa mis-sena 1850 ġie nnotat li ż-żieda fis-sħana tal-klima kotrot bi 30%. Dan ifisser l-aktar żieda mgħaġġla li qatt ġiet irreġistrata fl-istorja tal-klima tal-planeta. Il-kawża prinċipali għall-fattur li l-klima qed tisħon b'ritmu ferm mgħaġġel matul dawn l-aħħar għaxriet ta' snin hija ż-żieda fil-gassijiet li, bl-iżvilupp industrijali fid-dinja, qed jiġi mormi fl-arja b'detriment għall-ambjent.

Ġie ffirmat it-trattat ta' Kyoto fil-Ġappun sabiex titnaqqas din il-ħsara li qed issir lill-klima li minn sena għall-oħra qed tisħon u b'hekk toħloq u tkattar diżastri kontra l-umanità. Kważi l-pajjiżi kollha ffirmaw dan it-trattat, minbarra l-Amerika tan-Nord (U.S.A.) li tipproduċi t-80% tal-gassijiet li qed jikkontanimaw l-arja. Nispera li dan il-pajjiż jimxi fuq l-eżempju tar-Russja li ffirmat it-trattat ta' Kyoto reċentement. L-Amerika tgħid li għandha l-programm tagħha sabiex tikkontrolla l-kontaminazzjoni ta' l-arja bi ħsara għall-"ozone layer", però diversi klimatoloġisti jsostnu li l-interess ta' dan il-pajjiż huwa ż-żejt fl-Alaska li qed tipprova tikseb b'dannu għall-klima.

S'intendi dan hu problema kumpless ħafna għaliex hemm pajjiżi li qed igawdu minn dan it-tibdil fil-klima li minn sena għall-oħra qed tisħon. Pajjiżi, bħal ma huma l-Kanada u r-Russja, fejn għandek xitwa twila u qalila, żgur li jgawdu minn dan it-tibdil tal-klima li qed tisħon għax almenu jgħaddu x-xhur kiesħa tax-xitwa b'temparaturi inqas qalila. Però mill-banda l-oħra għandek bħal gżejjer ta' Maldivas jew Seychelles li qegħdin f'periklu li jisparixxew mill-mappa tad-dinja, mgħarrqa taħt il-baħar. Imma meta nitrattaw dan is-suġġett ma rridux inħarsu biss lejn pajjiż wieħed jew tnejn, imma rridu nfittxu l-interess globali tal-planeta. Din hija waħda mill-akbar responsabbiltajiet li l-gvernijiet tad-dinja jridu jieħdu bl-akbar serjetà bil-għan li jevitaw tibdiliet klimatoliġiċi katastrofiċi għall-planeta li qed ngħixu fiha. •





# IL-QAWWA TAX-XITAN

**F'dan l-artiklu se nkomplu nanalizzaw il-ħidma straordinarja tax-xitan.**

## Il-vessazzjoni dijabolika

Dawn huma l-mard jew disturbi oħra li jistgħu ma jkunux tant gravi u jistgħu jkunu gravi ħafna. Iżda dawn ma jwasslux għall-possessjoni jew għall-punt li wieħed jitlef il-kapaċità tal-ħsieb jew li jagħmel azzjonijiet jew jgħid kliem li tagħhom ma jkunx responsabbli għaliex f'dan il-każ mhux qiegħed taħt il-ħakma tax-xitan. Nistgħu nagħtu eżempji Bibbliċi: Ġob ma kienx persuna maħkuma mix-xitan, imma kien milqut f'uliedu, fil-ġid tiegħu u fis-saħħa tiegħu.

Il-mara li kienet milwija u l-oħra truxa u muta li Ġesù fejjaq ma kellhomx possessjoni tax-xitan, immax-xitan kien jikkawża dawk il-kundizzjonijiet fiżiċi. San Pawl ċertament li ma kienx maħkum mix-xitan, imma jidher li hu wkoll kellu xi tip ta' disturb minn naħa tax-xitan: **"U li ma mmurx nintefaħ bija nnifsi..., tqegħditli xewka f'ġismi (hija ċara li kienet xi tip ta' kundizzjoni fiżika), messaġġiera tax-xitan, biex toqgħod tniggizni biex ma nintefaħx"** (2Kor 12:7).

Il-possessjoni llum ukoll hija xi ħaġa rari; imma żgur li kull min jaħdem f'dan il-qasam jiltaqa' ma għadd kbir ta' persuni li huma milquta mix-xitan fis-saħħa tagħhom, fil-ġid, fix-xogħol, fir-relazzjonijiet u fl-affetti tagħhom... Ovvjament li tagħmel analiżi u tkun taf jekk il-kawża ta' dak li għaddejjin minnu dawn il-persuni għandux kawża spiritwali jew le mhix ħaġa sempliċi. Il-gravità minn persuna għall-oħra tista' tvarja, imma d-diffikultà biex tifhem u biex tgħin fil-proċess għall-fejqan ta' dawn in-nies hija dejjem diffiċli.

## L-Ossessjoni

Din titratta il-bumbardamenti li xi kultant ikunu frekwenti jew kontinwi ta' ħsibijiet ossessivi li anki jekk kultant ma jkunux jagħmlu sens, imma minħabba fihom il-persuna tħossha mjassra u mhux libera. Il-persuna li tintlaqat minn din tgħix kontinwament fi stat ta' disperazzjoni, tentazzjoni anki għas-suwiċidju. Xi kultant dawn l-ossessjonijiet jaffettwaw anki l-ħolm. Jista' jkun hemm min jgħidli li dawn huma każijiet ta' jdejn il-psikjatri. Tassew li dawn bħal kull fenomenu ieħor kultant tista' tasal biex tispjegahom bix-xjenza, psikjatrija, parapsikoloġija u oħrajn. Imma jeżistu każijiet li joħorġu kompletament minn kull spjegazzjoni xjentifika għax huma kawżati mill-ħidma tax-xitan. Dawn id-differenzi sottili titgħallimhom biss bl-istudju u bil-prattika.

## L-Infestazzjoni

Din tolqot djar, oġġetti u annimali. Dan ifisser li din ma tolqotx direttament lill-persuni, iżda x-xitan jużahom biex minnhom jasal għall-bniedem.

## Id-dipendenza dijabolika

Persuna tista' taqa' f'din id-dipendenza meta bir-rieda ħielsa u b'mod volontarju tpoġġi lilha nfisha għas-servizz tax-xitan. Iż-żewġ forom l-iżjed gravi huma:

- meta persuna tagħmel patt bid-demm tagħha stess max-xitan; jew
- meta wieħed jikkonsagra lilu nnifsu lil Satana. •



**Fis-snin twal li kont ngħallem kelli tifel fil-klassi li kien qed jaqlagħli ħafna nkwiet. Kienu saru tentattivi biex jintbagħat fi skola speċjali minħabba l-imġiba vjolenti tiegħu, imma għalxejn. Għall-ewwel ippruvajt niehdu bil-ħlewwa. Kont anki neħodlu l-lunch, għax anqas kien ikollu x'jiekol. Imma dan kollu ma ħalla l-ebda effett pożittiv. Ommu mhux l-ewwel darba li kienet tmur l-iskola tiġġieled ma' l-għalliema. Peress li kien qed iqabbadni tensjoni kont mort sibt is-surmast u għedtlu li qbadtu jagħmel affarijiet li jmorru kontra s-sitt kmandament fil-klassi, li ma kienx minnu. Dan tant kien ilu jisma' fuqu li ma mpressjona ruħu xejn bir-rapport tiegħi u kollox baqa' kif kien. Ftit wara mort inqerr għax ħassejt li għamilt ħażin. Ma niftakarx jekk lill-qassis għedtlux eżatt x'kienet il-gidba. Barra minn hekk, ġieli niġi fid-dubju jekk kienx imissni mort ngħid lis-surmast li gdibt fuq it-tifel. Taħseb li d-dnub tiegħi nħafer?**

## *Patri William iwieġeb...*

*Nifhem li tifel problematiku fil-klassi jqajjem tensjoni f'min jgħallmu, anzi jġennu. Nifhem ukoll li tifel bħal dak li tkellimt minnu għandu bżonn treatment partikolari għax juri bl-imġiba tiegħu li għandu problemi ta' karattru. Nerġa' nifhem li għalliem x'aktarx jara x'jagħmel biex jirnexxilu jeħles il-klassi minn tifel ta' dik il-kwalità. Imma ma nifhimx li għalliem għandu jinqeda b'gidba, jew aħjar, b'kalunja bħala strateġija biex surmast ibewweġ tifel mill-klassi tiegħu. Dan huwa abbuż mill-professjoni tiegħu bħala għalliem.*

*Inti suppost ġbartha mill-ewwel il-kalunja li vvintajt fuq it-tifel, avolja s-surmast donnu ma tax każ ta' dak li għedtlu. Imma issa għadda ħafna żmien u ma jaqbilx li ssibu – jekk ma mietx - u terġa' tfakkru fl-istorja, għax is-sitwazzjoni ssir agħar milli setgħet kienet dakinhar. Mela fuq hekk serraħ rasek.*

*Jekk lis-saċerdot li kont qerrejt għandu ma kontx sqarrejtlu li għedt ħaġa serja u mhux vera fuq t-tifel – ħaġa li naħseb li għamiltha u peress li għadda ħafna żmien insejt u minħabba f'hekk qed tiddubita - dan ifisser li l-qrara tiegħek ma kinetx kompluta. Biex toqgħod kwieta fil-kuxjenza tiegħek, għax tinħass li inti nkwetata fuq il-qrara, inħoss li għandi ngħidlek biex id-dnub tiegħek terġa' tqerru bid-dettalji li suppost tajt dakinhar li kont mort tqerr. Naturalment lis-saċerdot tgħidlu wkoll li din il-ħaġa kont qerrejtha, imma ma kontx qerrejtha b'ċerta eżattezza li kienet titlob minnek il-qrara.*

*Jekk il-każ tiegħek huwa dak li spjegajtlek jien, dan ifisser li d-dnub tiegħek jinħafer.* •

# IĊ-ĊINA ĠEJJA MAGĦNA

Siltiet minn artiklu meħud mit-TIME Magazine tat-28 t'Awissu 2006 maqluba għall-Malti minn Tony C. Cutajar

Il-Gwerra għar-Ruħ taċ-Ċina. Waqt li l-Kristjaneżmu qed jagħti forma oħra lin-nazzjon, TIME jikxef dettalji ġodda dwar trażżin tar-reliġjon.

**Ġimgħat wara l-attakk, ix-xhud għadu jirtogħod. "Kulħadd kien jaf li ġej l-inkwiet," qal hu u jiddiskrivi dik il-ġurnata xahar ilu u li għadha friska f'moħħu. Dan ir-raġel kien jgħin waqt il-bini ta' knisja fin-naħiet ta' Hangzhou, 180 km 'l bogħod minn Shanghai. Iffinanzjata mill-insara tal-lokal, il-knisja kellha taqdi l-bżonnijiet ta' 5,000 ruħ. Kien hemm mijiet miġbura fid-29 ta' Lulju, xi wħud minnhom jgħinu fil-bini. Oħrajn, ħafna minnhom xjuħ, kienu bilqiegħda madwar il-knisja jkantaw innijiet reliġjużi.**

Huma lkoll kienu jafu li kienu qed jittestjaw il-paċenzja tal-gvern lokali li nsista li l-bini kien illegali u kellu jitwaqqa'. Iżda ftit minnhom kienu lesti għal dak li kellu jinqala' dakinhar. Kienu s-2:30 meta eluf ta' pulizija u uffiċjali tas-sigurtà tfaċċaw u qabdu jsawtu lil min kien hemm huma u jġarrfu l-knisja għal kollox. **"L-iktar li ssawtu kienu n-nisa, xi wħud minnhom nisa xjuħ,"** qalu x-xhieda. **"Bdew jaqbduhom minn xagħarhom, idawruhom fl-ajru bħall-pupi u jħalluhom jinstabtu ma' l-art."**

TIME irċeviet stqarrija mill-gvern tad-distrett li tiddiskrivi x-xena mod ieħor. Din tgħid li madwar 100 nisrani attakkaw u weġġgħu lill-uffiċjali tal-gvern u għalkemm xi wħud minnhom ġew arrestati ħadd ma weġġa'. Iżda x-xhieda li ġew intervistati minn TIME urew l-irċevuti ta' l-isptar fejn ħafna minnhom kienu marru għall-kura wara li sofrew minn ksur ta' kustilji. **"Huma ttrattawna daqs li kieku konna klieb mejta,"** qal wieħed minnhom. **"Bdew jidħqu bina u jgħidulna, 'Fejn hu Alla tagħkom issa? Għaliex ma jistax jgħinkom? Jekk tridu tmorru l ġenna, aħna lesti li nibgħatukom issa stess.'"**

Dan l-attakk jidher ħaġa normali u tas-soltu f'pajjiż fejn dimostrazzjoni pubblika malajr twassal għal tweġiba brutali min-naħa tal-gvern. Għaċ-Ċiniżi nsara din hija theddida li ma taqta' xejn. Gruppi differenti tad-drittijiet tal-bniedem spiss jirrappurtaw każijiet ta' persekuzzjoni, arrest u anki priġunerija twila ta' qassisin u





segwaċi tagħhom. Iżda dan l-episodju ta' Hangzhou huwa xhieda ċara li l-Kristjaneżmu qed ibiddel lis-soċjetà Ċiniża.

Wara erba' tentattivi fi żmien 1,500 sena minn missjunarji li ppruvaw jidħlu fiċ-Ċina, il-Kristjaneżmu fl-aħħar qed jaqbad l-għeruq u jsir reliġjon Ċiniża. Xi esperti jaħsbu li 5% mill-popolazzjoni tal-pajjiż, jiġifieri 65 miljun, għandhom twemmin nisrani. U dawn qed jiżdiedu kuljum. Uffiċjalment il-gvern japprova ħames reliġjonijiet fosthom il-Kattoliċi u l-Protestanti, iżda dawn xorta waħda jridu jirreġistraw biex iqimu fil-knejjes. Iżda daż-żmien sar diffiċli li jiġu kkontrollati għax iċ-Ċiniżi qed juru interess kbir f'dawn il-ħames reliġjonijiet. U din hija sfida għall-gvern Komunista għax mill-irħula l-influwenza tal-knisja qed tersaq ukoll lejn il-bliet.

L-insara qed jipprattikaw ir-reliġjon b'mod li qatt ma kien mistenni f'soċjetà komunista. Fejn m'hemmx knejjes qed jiltaqgħu fi djar privati għax ma jistgħux jew ma jridux jirreġistraw mal-gvern. Dawn jafu li jekk jinqabdu jiġu fl-inkwiet u jbatu ħafna konsegwenzi koroh u iebsa. Iżda f'ċerti djar tant hemm entużjażmu li l-kant ta' l-innijiet jinstema' anki mit-toroq permezz tal-loudspeakers. Dawn id-djar qed jitqisu bħala forza morali kontra s-setgħa tal-gvern. Wenzhou fil-provinċja ta' Zhejiang, li hija magħrufa fost l-insara bħala 'Ġerusalemm taċ-Ċina', hemm bejn 15% u 20% tal-popolazzjoni li huma nsara. Dan il-fatt jagħti lill-mexxejja tal-knejjes awtorità u qawwa kbira meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-gvern lokali. Per eżempju, fl-2002 dawn irnexxielhom ibiddlu deċiżjoni tal-gvern kontra tagħlim tar-reliġjon nhar ta' Ħadd. F'Hangzhou l-uffiċjali jgħidu li dak li ġara kien riżultat ta' diżubbidjenza għar-regoli tal-gvern. L-insara ġew offruti tliet siti differenti fejn jibnu l-knisja iżda dawn ma ġewx aċċettati.

L-awtoritajiet governattivi jgħidu li huma mhumiex kontra r-reliġjon dment li din tiġi pprattikata skond ir-regolamenti tagħhom. Fil-knisja approvata ta' San Pawl f'Nanjing il-kongregazzjoni żdiedet minn ftit mijiet fl-1994 għal 5,000. Ħafna jkollhom isegwu permezz tat-televiżjoni f'erba' kappelli f'binja fil-qrib. Dan juri li l-gvern mhux se jirnexxilu jikkontrolla t-twemmin tal-poplu, anki jekk juża mezzi li jġibu ħafna ferment u nkwiet. Il-fidili huma deċiżi li jkomplu f'din it-triq għax jemmnu li għad jerbħu l-libertà li jipprattikaw it-twemmin tagħhom kif iridu huma u mhux kif irid il-gvern. •

# WARRADTNI FI MĦABBTEK

Nissiltni Mulejja
Fil-ħajja u l-karba,
U bihom urejtni
Il-qawwa tal-ħarba.

Mhux le mit-tjubija
Ta' l-isfaq ilwien,
Li jħaddar u jilma
Fil-ħxejjex tal-ġnien.

'Mma l-ħajja ta' Kelmtek
setgħana bil-kbir,
li tgħasses u ssaħħaħ
il-qalbi mit-tnikkir.

Tal-ħajja tas-sema
Lil hinn minn kull dnub
ruħi għatxana tgħajjat
Għax tħossha ddub.

F'diegħadiha qalbi ssejjaħlek
'Fejn int O Mulej,
Urini li darba
Tiegħi kont il-mexxej.'

U siktu xewqati
U nifsek ħaddanni
U qalbi infetħet
U wiċċek ferraħni.

X'gost Mulejja
Għalkemm jiena ġarrabtek
Hekk kienet tweġibitek:
Warradtni fi mħabbtek!





# ISSA LI GĦADDEW IL-FESTI TAL-MILIED

Qegħdin fl-ewwel xahar tas-sena soċjali 2007. Is-sena liturġika ġa għadda xahar minn fuqha, xahar li matulu ppreparajna bis-sħiħ għall-festi tal-Milied u għal dawk ta' l-Ewwel tas-Sena, li fakkarna fl-Imqaddsa Marija Omm Alla u Jum il-Paċi. U issa meta bdejna nistejqru minn dik l-ispeċi ta' dardir minħabba n-numru ta' ikliet, laqgħat, festini... x'se jibqa' minn żmien il-Milied? Allaħares inkunu fost dawk li matul dawn il-jiem ta' festa... għax hekk kienu jitlolbu dawk il-ġranet... sellimna lil kulħadd, ħadna b'idejn kulħadd, tbissimna lil kulħadd, forsi xrobna jew kilna ma' kull min ġietna l-okkażjoni...u issa nerġgħu nibdew il-ħajja l-antika... taparsi ma ndunajniex b'dak jew b'ieħor, niskartaw il-kumpannija ta' dik jew ta' l-oħra, jerġa' jibda t-tqasqis... u tant... u tant nuqqasijiet oħra.



Il-Milied ikun ġie u għadda ma' l-oħrajn... biex dhaqna bina nfusna, bl-artifiċjalità tagħna.

U hawn fejn jiġini l-ħsieb li kien qal il-għaref u twajjeb Papa Pawlu VI meta kien tkellem dwar id-Dar ta' Nażaret. Hu kien xebbaħha ma' skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola ta' Evanġelju; dar li tagħtina d-dawl, tifthilna t-triq li malajr twassalna biex nagħrfu min hu Kristu; dar li l-istess Papa Pawlu jixtieqna li ngħixu fiha tul ħajjitna kollha; dar li għandha tkun il-mudell tal-familji kollha. U hawnhekk tajjeb infakkru wkoll li Papa Pawlu kien ħa l-okkażjoni biex isellem lill-ħaddiema tad-dinja kollha u stedinhom iħarsu lejn il-mudell il-kbir tagħhom, bin il-mastrudaxxa, ħuhom divin, Kristu Sidna, il-profeta ta' kull kawża ġusta tal-ħaddiema.

Aħna u naqraw dan kollu kemm inħossu li aħna parti minn din id-dar, minn din il-familja, minn dawn il-ħaddiema? Se nibqgħu ngħixu l-Milied is-sena kollha?

Imma Żmien il-Milied mhux dan biss hu... hemm spiritwalità kbira, hemm twemmin, hemm spirtu ta' ħajja vera Nisranija u mhux dak l-ispirtu li min jaf kemm hawn minn gawda mill-bejgħ tiegħu u kemm hawn min bata għax, litteralment siker bih.

U hawn tajjeb infakkru, fuq fuq, x'qal l-għaref Santu Wistin f'wieħed mit-Trattati tiegħu fuq l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann meta jsaqsi: Min hu dak li jista' jmiss b'idejh il-Kelma, il-Verb, jekk mhux għax il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna? Santu Wistin ikompli jistqarr li dan il-Verb li ħa l-ġisem biex nistgħu mmissuh b'idejna beda biex jgħix fil-ġisem li ħa minn Marija Verġni; iżda dan il-verb mhux dakinhar beda jeżisti, għax Hu kien mill-bidu. Hawnhekk Santu Wistin jasal biex jistaqsi jekk dawk li raw il-Verb kinux ixxurtjati aktar minna għax raw u semgħu. Imma f'nifs wieħed jistqarr li madankollu li aħna mseħbin magħhom għax għandna l-istess Fidi tagħhom, u dan ifisser li l-ħena sħiħa tinstab fl-istess xirka, fl-istess imħabba, fl-istess għaqda.

Meta naqraw dan, issa li għadda żmien il-Milied, inħossu li din il-kitba tgħodd għalina? Nagħmlu parti minn dak li kiteb San Ġwann, minn dak li fissrilna Santu Wistin? Hekk iva mela għadna ngħixu sew il-Milied!

Hawnhekk jiġi f'moħħi San Tumas Becket li tard f'Diċembru fakkarna l-qlubija tiegħu għall-Fidi Nisranija. Dan il-martri Ingliż kien kiteb hekk: 'Ma jiħux il-premju min ma jkunx tqabad kif imiss.' Hu kiteb u wera li min kien bħalu, isqof jew ragħaj, jeħtieġlu li verament ikun jaf x'ifisser dak l-isem u bla heda jibda jħarsu u jimxi fuq il-passi ta' dak li Alla għamlu r-Ragħaj ta' dejjem u li offra ruħu fuq l-altar tas-salib u mill-għoli tas-sema ma jiqafx iħares lejn kull ma nagħmlu u għaliex nagħmluh biex imbagħad iroddilna lura skond dak li jkun ħaqqna. Hu jurina, anzi jfakkarna, kif waslu għall-premju dawk li l-fidi tagħhom saret wisq iżjed tiddi bis-saħħa tat-taħbit li għaddew minnhom.

Anki kliem San Ippollitu, wara lijagħtina tifsira sħiħa għaliex Alla sar bniedem bħalna... għax ma ridniex nisħajluh bniedem differenti minna... u tgħabba b'kollox bħalna minbarra fid-dnub, ikompli jheġġiġna biex ma nitlewmux bejnietna u ma nibżgħux naqgħu għal xulxin jekk ikollna xi ngħidu għax: Hu ġie biex inaddafna minn dnubietna, qered il-bniedem il-qadim fina u reġa' ħalaq il-ġdid xbieha tiegħu. L-għaref saċerdot qaddis iwissina li jekk noqogħdu għall-kmandamenti u nġibu ruħna kif inhu tajjeb, aħna nsiru nixbhuh u hu jimliena bil-ġie]. Alla li għamilna bħalu għall-glorja tiegħu, mhuwiex se jonqos minn kelmtu.

Kemm hu sabiħ il-ħsieb ta' Papa San Ljun il-Kbir f'wieħed mid-diskorsi tiegħu bit-tema: It-Twelid ta' Sidna hu t-twelid tal-paċi. San Ljun ifakkarna li l-Iben t'Alla fil-kobor tiegħu ma stmerrx isir daqsxejn ta' tarbija, ma baqax tfajjel ċkejken, imma kiber u sar raġel. U għaldaqstant dak li ċċelebrajna ftit tal-ġranet ilu jgħinna biex nifirħu bit-tifkira tat-tnissil u t-twelid tagħna stess, u dan għax it-tnissil ta' Kristu huwa l-bidu tal-poplu Nisrani u t-twelid tar-ras hu t-twelid tal-Ġisem kollu. L-għaqda waħda u sħiħa tal-fidili mnissla mill-għajn tal-Magħmudija, għandha kollha kemm hi s-sehem u r-rabta ma' Kristu fit-twelid tiegħu, bħalma hi msallba miegħu fil-passjoni u rxuxtata miegħu fil-qawmien mill-imwiet.

Din għandha tkun it-tifsira tal-Milied għalina, tifsira li għandna nżommu matul is-sena kollha għax inkella ma nkunux nistgħu nxandru u ngħixu d-don tal-paċi li tħabbret mill-qtajja' ta' l-anġli fit-twelid tal-Mulej. Paċi li tnissel l-ulied ta' Alla, u li tgħajjex l-għożża u l-għaqda ta' bejnietna. Aħna għandna nkunu l-poplu li ra d-dawl, għandna nkunu l-istess dawl biex bih ngħinu lil xulxin f'dan it-tħabrik tagħna biex ilkoll inkunu niddu bħad-dawl fis-saltna ta' Alla permezz ta' Kristu li jgħix u jsaltan ma' Alla l-Missier flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

**U jkollna sena tajba li minn qiegħ qalbi nixtiqilkom. •**

# ROKNA GHAT-TFAL

**Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.**

**Pajjiżi u Bliet fit-testment il-Ġdid.**

| | |
|---|---|
| AMFIPOLI | ITALJA |
| APOLLONJA | KANA |
| ATENI | KORINTU |
| ATTALIJA | LIKAONJA |
| BERIJA | MACEDONJA |
| BITINJA | MISJA |
| DERBI | NEAPOLI |
| FILIPPI | SAMOTRACJA |
| GALAZJA | TESSALONIKA |
| IKONJU | TIJATIRA |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | T | I | J | A | T | I | R | A | X | A | G | B |
| M | P | R | K | M | E | H | M | I | S | J | A | E |
| A | I | O | B | O | S | F | I | L | I | Z | T | R |
| Z | J | S | L | J | N | E | A | O | T | A | E | I |
| M | A | C | T | L | Q | J | N | P | A | L | N | J |
| A | I | K | A | N | O | E | U | I | L | A | A | A |
| C | B | P | W | R | A | N | U | F | G | G | J | T |
| E | R | F | P | P | T | T | J | M | N | N | N | T |
| D | E | I | O | I | N | O | H | A | W | W | I | A |
| O | D | L | N | I | L | F | M | A | R | R | T | L |
| N | I | E | R | X | J | I | K | A | A | A | I | J |
| J | T | O | K | W | T | I | F | R | X | X | B | A |
| A | K | I | N | O | L | A | S | S | T | T | Q | C |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' NOVEMBRU 2006 huwa: Alexander Camilleri mill-Mellieħa. Nifirħulek!**

# TISLIBA - 68



1. Missier Għakan. Ġoż 7,24) **(5)**
2. Umli u aktar. (1 Pt 3,8)) **(6)**
3. Dan tat-toroq. (Għabd 14) **(5)**
4. Hekk hu l-baħar bl-ilmijiet. (Ħab 2,14) **(5)**
5. Uliedu kantanti. (2 Kron 35,15) **(4)**
6. Fejn tmut int, ...jien. (Rt 1,17) **(5)**
7. Fejn waqqaf il-kamp Ġuda. (1 Mak 9,5) **(5)**
8. Għalfejn *ma nieħu xejn*? (2 Sam 12,23) **(5)**
9. Omm Ħeżekija. (2 Slat 18, 1-2) **(3)**
10. Lilkom li qegħdin *tbatu*. (2 Tess 1,7) **(7)**
11. u 12. U... fuqha l-belt. (Eżek 4,1) (6)
13. Din tfisser 'infetaħ'. (Mk 7, 34) **(6)**
14. U jtir bħal din. (Prov 23, 5) **(5)**
15. Jiena tħaddit fil-*miftuħ*. (Ġw 18,20) **(5)**
16. Jiem ta' dan ġdid. (Kol 2,16) **(5)**
17. Kull wieħed imut għalih. (Ġer 31,30) (5)
18. Li... mill-ġdid. (Hag 1,2) **(7)**
19. Xjuħ u qaddisa. (Tit 2,3) **(4)**
20. Hekk ikun id-dqiq. (Lev 24,5) **(3)**
21. Dak li Alla... (1 Kor 2,9) **(5)**
22. Tafal mhux iebes. (Għerf 15,7) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU 2006:**
***1. Fraħt; 2. Aħikam; 3. Rajtu; 4. Iġsma; 5. Swat; 6. Raġun; 7. Riħna; 8. Ġewwa; 9. Ħuk; 10. Timotju; 11. u 12. Imraru; 13. Rigali; 14. Kelma; 15. Isbaħ; 16. Salva; 17. Ilfiq; 18. Eħlisna; 19. Lejl; 20. Gal; 21. Mejda; 22. Volpi.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' NOVEMBRU 2006 huwa: Walter Debattista minn Tas-Sliema . Nifirħulek!**



# L-GĦANJA TA' L-IMĦABBA

"Ħa jiġi jbusni bil-bewsiet ta' fommu" (Għan 1:2).

**Dan il-vers filwaqt li jintroduċi l-ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet jibda d-djalogu bejn żewġ maħbubin li permezz tiegħu jfaħħru l-imħabba ta' bejniethom. Msaħħar fuq dan il-ktieb, San Bernard ta' Clairvaux (1090-1153) ikkummentah spiritwalment fil-forma ta' sitta u tmenin omelija. Fihom San Bernard pinġa r-relazzjoni bejn Kristu (il-Kelma divina) u r-ruħ li twassal għaż-żwieġ spiritwali bejn l-Għarus tas-sema u l-għarusa umana.**

Is-sies tal-wirt spiritwali ta' San Bernard huwa Kristu. L-isem ta' Ġesù, il-maħbub, huwa tassew kollox għal Bernard. **"Ġesù għalija huwa għasel fuq fommi, għana f'widnejja, għanja f'qalbi"** (Sermo 15:6). Din il-ħlewwa ta' l-Imħabba ll toħroġ bejn Kristu u r-ruħ hija qawwija u profonda sewwasew l-għaliex hija **"armonija mhux ta' ilħna, imma ta' riediet"** (Sermo 1:11). U din ir-rieda reċiproka li tiġi miż-żewġ maħbubin ma tinstabx fl-għagħa u l-istorbju tal-ġemgħa. Jintebħu biha **"Is-semmiegħa li tismagħha u l-għannej li jgħanniha- il-maħbuba u l-maħbub"** (Sermo 1:11). Għalhekk din l-għanja ta' mħabba hija **"għanja taż-żwieġ li tirrakkonta t-tgħanniqa ta' mħabba tar-riediet tagħhom f'għaqda ħelwa u ta' qsim ta' affezzjonijiet herġin mill-qalb"** (Sermo 1:11).

Fil-ħsieb mistiku ta' San Bernard, ir-ruħ tissaħħaħ meta qiegħedha kontinwament f'din it-tgħannieqa ta' mħabba mal-maħbub tagħha. Għaliex hija **"thossha mgħannqa mid-dirgħajn ta' Alla... ruħ mħarsa mill-imħabba u l-ħrara (tiegħu)"** (Sermo 52:2), ir-ruħ malajr tinduna bil-preżenza ta' Alla. Dan iseħħ l-għaliex il-maħbub daħal jgħammar fil-qalb tar-ruħ maħbuba tiegħu. Bħalma jgħid il-profeta Ġeremija: **"U nagħmel magħhom patt għal dejjem li ma niqafx milli nagħmlilhom il-ġid. U nqiegħed il-biża' (preżenza) tiegħi f'qalbhom biex ma jitbegħdux minni. L-għaxqa tiegħi tkun li nagħmlilhom il-ġid..., b'qalbi kollha u b'ruħi kollha"** (Ġer 32:40-41).

Quddiem mħabba daqshekk kbira tal-maħbub tagħha, il-maħbuba ma jonqosha xejn iżjed għajr lil titwaħħad mal-maħbub billi tixrob l-eżempju tiegħu u bħalu ssir l-istess imħabba. Huwa tabilħaqq hawnhekk li jseħħ tassew iż-żwieġ mistiku tar-ruħ mal-maħbub tagħha. San Bernard jgħidilna: **"konformità bħal din iżżewweġ lir-ruħ mal-Kelma (Kristu)... Meta hi tħobb b'mod perfett ir-ruħ hija miżżewġa mal-Kelma"** (Sermo 83:3).

Il-Mulej Ġesù, qiegħed jistiednek għall-imħabba: **"urini wiċċek, semmagħli leħnek, għax leħnek ħlejju, u sbejjaħ wiċċek"** (Għan 2:14). Mela x'inti tistenna? **"Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek"** (Mk 10:49). •




**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
P. Crispin Tabone OFMCap,
Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju
Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949,
2122 5525.**

## KALENDARJU MISSJUNARJU 2007

Forma tawwalija b'ritratti attraenti relattivi mal-ħidma missjunarja tal-Kapuċċini fil-Kenja.

Tista takkwista kopja mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini, Floriana. Tel. 2123 3874 / 2122 5525.

**Kull offerta tkun apprezzata.**

